KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-4 ta' Frar 2016 [1]

Kawża C-165/14

Alfredo Rendón Marín

vs

Administración del Estado

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja)]

"Ċittadinanza tal-Unjoni — Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE — Direttiva 2004/38/KE — Dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' Stat terz li għandu preċedenti kriminali — Missier li għandu l-kustodja esklużiva ta' żewg ulied minuri, ċittadini tal-Unjoni — L-ewwel wild li għandu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ta' residenza — It-tieni wild li għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor iżda li dejjem għex f'dan l-Istat Membru — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-għoti ta' titolu ta' residenza lil dan l-axxendent minħabba l-preċedenti kriminali tiegħu — Rifjut ta' dritt ta' residenza li jista' jwassal għat-tluq tal-ulied minuri mit-territorju tal-Unjoni Ewropea — Ammissibbiltà — Eżistenza ta' dritt ta' residenza skont il-ġurisprudenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124)"

u

Kawża C-304/14

Secretary of State for the Home Department

vs

CS

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London (qorti superjuri [taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil] ta' Londra, ir-Renju Unit)]

"Ċittadinanza tal-Unjoni — Artikolu 20 TFUE — Ċittadin ta' Stat terz li għandu r-responsabbiltà ta' wild minuri, ċittadin tal-Unjoni — Dritt ta' residenza permanenti fl-Istat Membru li tiegħu l-wild huwa ċittadin — Kundanni kriminali tal-ġenitur — Deċiżjoni ta' tkeċċija tal-ġenitur li twassal għat-tkeċċija indiretta tal-minuri — Raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika"

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

Werrej

I – Introduzzjoni 4

II – Il-kuntest ġuridiku 4

A – Il-KEDB 4

B – Id-dritt tal-Unjoni 5

1. Il-Karta 5

2. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 5

3. Id-Direttiva 2004/38 5

C – Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit 7

D – Id-dritt Spanjol 8

III – Il-fatti li wasslu għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari 9

A – Il-Kawża C-165/14 9

B – Il-Kawża C-304/14 9

IV – Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 12

V – Analiżi 12

A – Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-165/14 12

B – Fuq il-mertu tal-Kawżi C-165/14 u C-304/14 14

1. Il-partikolarijiet tal-kawżi 14

2. Rimarki preliminari 16

a) Dwar il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni 17

b) Dwar it-tipi tad-dritt ta' residenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni 17

3. Dwar ir-dritt tar-residenza mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat ospitanti: analiżi tas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38 18

a) Applikabbilità tad-Direttiva 2004/38 għas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu 18

b) L-effetti tal-preċedenti kriminali dwar ir-rikonoxximent ta' dritt ta' residenza derivat ibbażat fuq l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38 19

c) Konklużjoni intermedjarja fil-Kawża C-165/14 22

4. Fuq id-dritt ta' residenza mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità: analiżi tas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' uliedu u dik ta' CS u tal-wild tagħha 22

a) Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja 23

b) Dwar ir-rispett, mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni 28

5. Dwar il-possibilità li jiġu introdotti limitazzjonijiet għal dritt ta' residenza derivat li jirriżulta direttament mill-Artikolu 20 TFUE 30

a) Portata tal-kunċett ta' ordni pubbliku u tal-kunċett ta' sigurtà pubblika f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza li jirriżulta mill-Artikolu 20 TFUE 32

b) Analiżi tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika invokata mill-Gvern tar-Renju Unit 35

c) Konklużjoni intermedjarja dwar il-Kawża C-165/14 38

d) Konklużjoni intermedjarja dwar il-Kawża C-304/14 38

VI – Konklużjoni 38

I – Introduzzjoni

1. Id-domandi magħmula mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja) u mill-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra, Renju Unit] jirrigwardaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE u l-portata ta' din id-dispożizzjoni, kemm fid-dawl tas-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), kif ukoll fid-dawl biss tas-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124). Il-qafas fattwali ta' dawn il-kawżi jirrigwarda ċittadini ta' Stat terz li ġew notifikati b'rifjut ta' permess ta' residenza jew deċiżjoni ta' tkeċċija mill-Istat Membru ta' residenza u ta' nazzjonalità ta' uliedhom ta' età żgħira, ċittadini tal-Unjoni, li huma dipendenti fuqhom. Dawn id-deċiżjonijiet jirriskjaw li jċaħħdu lil dawn l-ulied mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni. Dan ir-riskju jirriżulta minn miżuri nazzjonali meħuda kontra dawn il-ġenituri, ċittadini ta' Stat terz, minħabba preċedenti kriminali tagħhom.

2. Dawn ir-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari ser iwasslu għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titratta, qabelxejn, il-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja, sussegwentement, tibda tistabbilixxi l-effett tal-preċedenti kriminali fuq ir-rikonoxximent ta' dritt ta' residenza derivat ibbażat fuq id-Direttiva 2004/38/KE [2]. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar il-possibbiltà li tintroduċi limitazzjonjiet għal dritt ta' residenza li jirriżulta direttament mill-Artikolu 20 TFUE u, għalhekk, dwar il-portata tal-kunċett ta' "ordni pubbliku" jew ta' "sigurtà pubblika" f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Il-KEDB*

3. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), jipprevedi:

"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiz, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor."

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 5, p. 46).

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Il-Karta

4. Skont l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja":

"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha".

5. L-Artikolu 52 tal-Karta, intitolat "L-ambitu u l-intepretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji", jistipula, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."

2. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

6. L-Artikolu 20(1) TFUE jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jipprevedi li "kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru" hija ċittadina tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 20(2)(a) TFUE, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom "id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri".

7. L-Artikolu 21(1) TFUE jżid li dan id-dritt japplika "salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq".

3. Id-Direttiva 2004/38

8. Taħt it-titolu "Definizzjonijiet", l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1) 'ċittadin ta' l-Unjoni' tfisser kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru;

2) 'membru tal-familja':

[...]

   d) il-qraba diretti dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

3) 'Stat Membru ospitanti': l-Istat Membru li jmur fih ċittadin ta' l-Unjoni sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu u residenza."

9. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38, bit-titolu "Benefiċjarji" jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' moviment liberu u residenza li l-persuni kkonċernati jista' jkollhom, l-Istat Membru ospitanti, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, għandu jiffaċilita d-dħul u r-residenza tal-persuni li ġejjin:

a) kwalunkwe membri oħrajn tal-familja, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li, fil-pajjiż li ġejjin minnu huma dipendenti jew membri tad-dar taċ-ċittadin ta' l-Unjoni li għandu d-dritt primarju ta' residenza [...];

[...]

L-Istat Membru ospitanti għandu jaffettwa eżami estensiv taċ-ċirkostanzi personali u għandu jiġġustifika kwalunkwe tiċħid ta' dħul jew ta' residenza lil dawn in-nies."

10. L-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Dritt ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur", jipprevedi:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti; jew

b) għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza u għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti; jew,

c) [...]

— għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti u jassiguraw lill-awtorità nazzjonali rilevanti [...] li għandhom riżorsi suffiċjenti għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza; jew

d) membri tal-familja li qed jakkumpanjaw jew li se jingħaqdu ma' ċittadin ta' l-Unjoni li jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (ċ).

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin ta' l-Unjoni jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) jew (ċ)".

11. L-Artikolu 27 (1) u (2) tad-Direttiva 2004/38 jipprevedi:

"1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' moviment u residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Dawn ir-raġunijiet m'għandhomx jiġu nvokati għal skopijiet ekonomiċi.

2. Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.

Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati."

12. L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/38 jipprevedi:

"1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija minħabba politika pubblika jew sigurtà pubblika, l-Istat Membru ospitanti għandu jqis l-konsiderazzjonijiet bħat-tul tar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu, l-età, l-istat ta' saħħa, is-sitwazzjoni familjari u dik ekonomika, integrazzjoni soċjali u kulturali fl-Istat Membru ospitanti u l-limitu tar-rabtiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.

2. L-Istat Membru ospitanti ma jistax jieħu deċiżjoni ta' tkeċċija kontra ċittadini ta' l-Unjoni jew il-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li għandhom id-dritt ta' residenza permanenti fit-territorju tiegħu, ħlief minħabba raġunijiet serji ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika.

3. Deċiżjoni ta' tkeċċija m'għandhiex tittieħed kontra ċittadini ta' l-Unjoni, ħlief meta d-deċiżjoni hi bbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika, kif imfissra mill-Istati Membri, jekk dawn:

a) għexu fl-Istat Membru ospitanti għall-għaxar snin preċedenti; jew

b) huma minorenni, ħlief jekk it-tkeċċija hi neċessarja għall-aħjar interessi tat-tifel/tifla, kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989."

C – *Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit*

13. Skont l-Artikolu 32(5) tal-Liġi tal-2007 dwar il-fruntieri ("UK Borders Act 2007", iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-fruntieri"), meta persuna li ma hijiex ċittadin Brittaniku tinstab ħatja fir-Renju Unit ta' ksur u kkundannata għal priġunerija ta' mill-inqas tnax-il xahar, is-Secretary of State for the Home Department (ministru tal-intern tar-Renju Unit, iktar 'il-quddiem il-"Ministru tal-Intern") għandu jadotta deċiżjoni ta' tkeċċja fil-konfront tagħha. Dan huwa obbligu.

14. Skont l-Artikolu 33 tal-Liġi dwar il-fruntieri, dan l-obbligu huwa eskluż meta t-tkeċċija, skont id-deċiżjoni ta' tkeċċija, tal-persuna kkundannata:

"(a) tikser id-drittijiet li persuna tgawdi bil-[KEDB]; jew

(b) tikser l-obbligi tar-Renju Unit skont il-Konvenzjoni [dwar ir-rifuġjati] [3]; jew

(c) tikser id-drittijiet li għandha l-persuna li kkommettiet ir-reat skont it-Trattati tal-Unjoni Ewropea."

15. Skont ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, huma rilevanti għal din il-kawża ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-2006 dwar l-immigrazzjoni (Żona Ekonomika Ewropea) [Immigration (European Economic Area) Regulations 2006/1003] kif emendat fl-2012 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-immigrazzjoni").

3 — Konvenzjoni ffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 [*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, n 2545 (1954)].

16. L-Artikolu 15A(4A) tar-Regolament dwar l-immigrazzjoni wassal għas-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124). Persuna li tissodisfa l-kriterji previsti f'dan l-Artikolu 15A(4A) tibbenefika minn "dritt ta' residenza derivat fir-Renju Unit". Madankollu, l-Artikolu 15A(9) tar-Regolament dwar l-immigrazzjoni jipprevedi li persuna li normalment tibbenefika minn dritt ta' residenza derivat skont, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi paragrafu (4A), madankollu ma tibbenefikax minn dan id-dritt "meta [l-Ministru tal-Intern] ikun ħa deċiżjoni skont l-Artikolu [19(3)(b), 20(1) jew 20A(1)]".

17. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-immigrazzjoni, il-Ministru tal-Internjista' jirrifjuta li jagħti, li jirrevoka jew li jirrifjuta li jġedded ċertifikat ta' reġistrazzjoni, permess ta' residenza, dokument li juri r-residenza permanenti jew permess ta' residenza permanenti "jekk ir-rifjut jew ir-revoka hija ġġustifikata minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika".

18. Skont l-Artikolu 20(6) tar-Regolament dwar l-immigrazzjoni, tali deċiżjoni għandha tittieħed skont l-Artikolu 21 tiegħu.

19. L-Artikolu 21A tar-Regolament dwar l-immigrazzjoni japplika verżjoni emendata tal-parti 4 ta' dan ir-regolament għal deċiżjonijiet meħuda fir-rigward, b'mod partikolari, ta' drittijiet ta' residenza derivati. L-Artikolu 21A(3)(a) tal-imsemmi regolament japplika l-Parti 4 bħallikieku "ir-riferimenti għal element iġġustifikat minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika skont l-Artikolu 21 jirreferu, minflok, għal element li 'jikkontribwixxi għall-interess ġenerali'".

20. L-effett ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa, skont ir-Renju Unit, li huwa possibbli li jiġi rrifjutat dritt ta' residenza derivat lil persuna li normalment tista' tingħata dritt ta' residenza skont l-Artikolu 20 TFUE, kif applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), meta dan jikkontribwixxi għall-interess ġenerali.

D – *Id-dritt Spanjol*

21. Il-Liġi organika 4/2000 dwar id-drittijiet u l-libertajiet tal-barranin fi Spanja u dwar l-integrazzjoni soċjali tagħhom (Ley Orgánica 4/2000 sobre derechos y libertades de los extranjeros en España y su integración social), tal-11 ta' Jannar 2000 (BOE nru°10, tat-12 ta' Jannar 2000, p. 1139), kif emendata bil-Liġi organika 2/2009 li temenda l-Liġi organika 4/2000 (Ley Orgánica 2/2009 de reforma de la Ley Orgánica 4/2000), tal-11 ta' Diċembru 2009, (BOE nru 299, tat-12 ta' Diċembru 2009, p. 104986), fis-seħħ mit-13 ta' Diċembru 2009, (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-barranin") fl-Artikolu 31(3) tagħha tipprevedi l-possibbilità li jingħata titolu ta' residenza temporanja għal raġunijiet eċċezzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ li ċ-ċittadin ta' Stat terz jkollu visa minn qabel.

22. L-Artikolu 31(5) u (7) tal-Liġi dwar il-barranin jipprevedi:

"5. Sabiex tiġi awtorizzata r-residenza temporanja ta' barrani, jeħtieġ li dan tal-aħħar ma jkollux preċedenti kriminali fi Spanja jew fil-pajjiżi li fihom ikun irrisjeda qabel, għal reati li jeżistu fl-ordinament ġuridiku Spanjol u li ma huwiex ipprojbit mit-territorju fl-Istati li magħhom Spanja kkonkludiet ftehim f'dan is-sens.

[...]

7. Għat-tiġdid tal-permess ta' residenza temporanja, jiġu eżaminati, kif ikun il-każ:

a) il-preċedenti kriminali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' tnaqqis ta' piena jew ta' sitwazzjonijiet ta' tnaqqis kundizzjonali ta' piena jew ta' sospensjoni ta' piena preventiva ta' libertà;

b) in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tal-individwu fil-qasam fiskali u ta' sigurtà soċjali.

Sabiex isir dan it-tiġdid, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-isforz ta' integrazzjoni muri miċ-ċittadin barrani u li jimmilita favur it-tiġdid, li għandu jiġi ppruvat permezz ta' rapport pożittiv tal-komunità awtonoma li tiddikjara li l-individwu pparteċipa f'taħriġ previst fl-Artikolu 2(b) ta' din il-liġi."

23. Id-Digriet Irjali 2393/2004, li jirrigwarda l-approvazzjoni tar-Regolament tal-Liġi organika dwar il-barranin (Real Decreto 2393/2004, por el que se aprueba el Reglamento de la Ley Orgánica 4/2000,) tat-30 ta' Diċembru 2004, (BOE nru 6, tas-7 ta' Jannar 2005, p. 485, iktar 'il quddiem ir-"Regolament tal-liġi dar il-barranin") jipprevedi fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 4 tal-ewwel dispożizzjoni addizzjonali, li "is-Segretarjat tal-Istat tal-immigrazzjoni u tal-emigrazzjoni, fuq rapport minn qabel tas-Segretarjat tal-Istat tal-Intern, jista' jagħti permessi ta' residenza temporanji f'każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali mhux previsti fir-Regolament tal-Liġi [dwar il-barranin]".

III – Il-fatti li wasslu għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

24. Il-fatti rilevanti tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, kif jirriżultaw mid-deċiżjonijiet tar-rinviju, jistgħu jiġu deskritti kif ġej.

A – *Il-Kawża C-165/14*

25. A. Rendón Marín, ċittadin Kolumbjan, huwa missier ta' żewġ ulied minuri mwielda f'Malaga (Spanja), tifel ta' nazzjonalità Spanjola u tifla ta' nazzjonalità Pollakka. L-ulied għexu dejjem Spanja.

26. Mid-dokumenti tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li b'deċiżjoni ġudizzjarja tat-13 ta' Mejju 2009 tal-Juzgado de Primera Instancia de Málaga (qorti tal-ewwel istanza ta' Malaga, Spanja), A. Rendón Marín ingħata d-drittijiet esklużivi ta' kustodja u residenza ta' uliedu. Id-domiċilju ta' omm dawn tal-aħħar, ċittadina Pollakka, ma hijiex magħrufa. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, iż-żewġ ulied jirċievu kura u edukazzjoni skolastika adegwati.

27. A. Rendón Marín għandu preċedenti kriminali. B'mod partikolari, huwa ġie kkundannat fi Spanja għal piena ta' disa' xhur ħabs. Madankollu, b'effett mit-13 ta' Frar 2009, huwa ngħata sospensjoni provviżorja ta' sentejn ta' din il-piena. Fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju, fl-20 ta' Marzu 2014, kien qed jistenna deċiżjoni dwar talba għall-irtirar tal-preċedenti kriminali miċ-ċertifikat tal-kondotta.

28. Fit-18 ta' Frar 2010, A. Rendón Marín ressaq quddiem id-direttorat ġenerali tal-ministeru tax-xogħol u tal-immigrazzjoni (Director General de Inmigración del Ministerio de Trabajo e Inmigración, iktar 'il quddiem id-"Direttortat ġenerali tal-immigrazzjoni") talba għal permess ta' residenza temporanja minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, skont l-aħħar sentenza tal-paragrafu 4 tal-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tar-Regolament tal-Liġi dwar il-barranin [4].

29. Mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, b'deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2010, it-talba ta' A. Rendón Marín ġiet miċħuda minħabba l-eżistenza ta' preċedenti kriminali, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(5) tal-Liġi dwar il-barranin.

30. Peress li r-rikors ippreżentat minn A. Rendón Marín kontra din is-sentenza ġie miċħud b'sentenza tal-Audiencia Nacional (qorti nazzjonali, Spanja) tal-21 ta' Marzu 2012, A. Rendón Marín appella minn din is-sentenza quddiem it-Tribunal Supremo (qorti suprema).

4 — Fuq il-kontenut ta' din id-dispożizzjoni, ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31. A. Rendón Marín ibbaża l-appell tiegħu fuq aggravju ta' dritt wieħed, jiġifieri l-interpretazzjoni żbaljata tas-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), liema ġurisprudenza, fl-opinjoni tiegħu, kellha twassal sabiex jingħata l-permess ta' residenza mitlub, kif ukoll fuq il-ksur tal-Artikolu 31(3) u (7) tal-Liġi dwar il-barranin.

32. Il-qorti tar-rinviju tindika li, indipendentament miċ-ċirkustanzi konkreti ta' kull kawża, bħall-każijiet tas-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), fil-kawża prinċipali, ir-rifjut ta' permess ta' residenza fi Spanja għal A. Rendón Marín ifisser deportazzjoni mit-territorju nazzjonali u, għalhekk, minn dak tal-Unjoni Ewropea, li jwassal għall-ħruġ mit-territorju tal-Unjoni għaż-żewġ uliedu, li minnhom wieħed huwa ċittadin Spanjol minuri dipendenti fuq missieru, filwaqt li l-post tar-residenza tal-omm ma huwiex magħruf[5]. Madankollu, hija tirrileva li, bid-differenza tal-każijiet imsemmija hawn fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża teżisti projbizzjoni legali li jingħata permess ta' residenza peress li l-applikant għandu preċedenti kriminali fi Spanja. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dritt nazzjonali, li jipprojbixxi, fi kwalunkwe każ u mingħajr possibbiltà ta' bidla f'dan il-każ, l-għoti ta' permess ta' residenza fil-każ ta' preċedenti kriminali fil-pajjiż fejn huwa mitlub il-permess, minkejja li dan jinvolvi l-konsegwenza inevitabbli li tiċħad lil minuri, ċittadin tal-Unjoni u dipendenti fuq l-applikant tal-permess, mid-dritt ta' residenza tiegħu fit-territorju tal-Unjoni, huwiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija, li tinterpreta l-Artikolu 20 TFUE.

33. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal Supremo (qorti suprema) ddeċidiet, permezz ta' sentenza tal-20 ta' Marzu 2014, li waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' April 2014, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà li jingħata permess ta' residenza lil ġenitur ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea, li huwa minuri u dipendenti fuqu, minħabba preċedent kriminali fil-pajjiż li fih jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, minkejja li dan iwassal għad-deportazzjoni tal-minuri mit-territorju tal-Unjoni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li jrid jakkumpanja lill-ġenitur tiegħu, hija kompatibbli mal-Artikolu 20 [TFUE], interpretat fid-dawl tas-sentenzi [Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639)] u [Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124)]?"

B – *Il-Kawża C-304/14*

34. CS hija ċittadina Marrokkina. Fl-2002, iżżewġet ċittadin Brittaniku fil-Marrokk. F'Settembru 2003, ingħatat visa abbażi taż-żwieġ tagħha u daħlet b'mod regolari fir-Renju Unit, bl-awtorizzazzjoni li tibqa' hemm sal-20 ta' Awwissu 2005. Fil-31 ta' Ottubru 2005, ingħatat awtorizzazzjoni ta' residenza fir-Renju Unit għal żmien indeterminat.

35. Fl-2007, CS iddivorzjat minn ma' żewġha. Hija rrikonċiljat, u reġgħet iżżewġitu fl-2010. Fl-2011, fir-Renju Unit, twieled wild minn dan iż-żwieġ. Il-wild huwa ċittadin Brittaniku. CS ingħatat il-kustodja effettiva tiegħu waħidha.

36. Fl-21 ta' Marzu 2012, CS instabet ħatja ta' reat. Fl-4 ta' Mejju 2012, ġiet ikkundannata għal tnax-il xahar ħabs.

37. Fit-2 ta' Awwissu 2012, ġiet innotifikata li, minħabba l-kundanna tagħha, hija kellha titkeċċa mir-Renju Unit. Fit-30 ta' Awwissu 2012, CS ressqet talba ta'ażil. It-talba tagħha ġiet eżaminata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, il-Ministru tal-Intern.

5 — Għandu jiġi nnotat li t-tifla ta' nazzjonalità Pollakka ta' A. Rendón Marín tissemma biss fil-kuntest fattwali tad-deċiżjoni tar-rinviju. Għall-kuntrarju, fir-rigward tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) tirreferi biss għall-minuri ta' nazzjonalità Spanjola.

38. Fit-2 Novembru 2012, CS ġiet illiberata wara li skontat il-piena ta' priġunerija tagħha u, fid-9 ta' Jannar 2013, il-Ministru tal-Intern ċaħad it-talba għall-ażil tagħha [6]. Id-deċiżjoni ta' tkeċċija ta' CS barra mir-Renju Unit lejn Stat mhux membru tal-Unjoni ttieħdet abbażi tal-Artikolu 32(5) tal-Liġi dwar il-fruntieri. CS ikkontestat id-deċiżjoni tal-Ministru tal-Intern billi eżerċitat id-dritt ta' rikors tagħha quddiem il-First-tier Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil)]. Fit-3 ta' Settembru 2013, ir-rikors tagħha intlaqa' minħabba li t-tkeċċija tagħha kienet ser twassal għal ksur tal-Konvenzjoni dwar ir-rifuġjati, tal-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB kif ukoll tat-Trattati.

39. Fid-deċiżjoni tagħha, il-First-tier Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil)], ikkonstatat li, f'każ ta' miżura ta' tkeċċija kontra CS, l-ebda membru ieħor tal-familja fir-Renju Unit ma seta' jieħu ħsieb il-wild, bil-konsegwenza li huwa jkollu għalhekk isegwiha fil-Marrokk. Filwaqt li rreferiet għad-drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza Ewropea tal-wild ta' CS skont l-Artikolu 20 TFUE u s-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124)", il-First-tier Tribunal (Immigration and Asylum Chamber Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil)], iddeċidiet li [...] [ċ]ittadin tal-Unjoni Ewropea ma jistax jitkeċċa b'mod impliċitu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, fi kwalunkwe ċirkustanza. [...] Dan l-obbligu ma fih l-ebda eċċezzjoni, ikun xi jkun, inkluż meta [...] il-ġenituri għandhom preċedenti kriminali". Konsegwentement, id-deċiżjoni ta' tkeċċija inkwistjoni ma hijiex konformi mad-dritt, għaliex tikser id-drittijiet li għandu l-wild skont l-Artikolu 20 TFUE".

40. Il-Ministru tal-Intern ġie awtorizzat jappella quddiem l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra]. Għan-nom tal-Ministru tal-Intern ġie sostnut li l-First-tier Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil)], kienet ikkomettiet żball ta' dritt fl-evalwazzjoni u fil-konklużjonijiet tagħha dwar ir-raġunijiet kollha li fuqhom din tal-aħħar kienet laqgħet ir-rikors ta' CS, inkluż fl-evalwazzjoni u fil-konklużjonijiet tagħha dwar id-drittijiet li minnhom kien jibbenefika l-wild skont l-Artikolu 20 TFUE, is-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124) u d-drittijiet derivati ta' CS. Il-Ministru tal-Intern sostna b'mod partikolari li d-dritt tal-Unjoni ma kienx jipprekludi li CS titkeċċa lejn il-Marrokk, anki jekk dan kien jipprekludi lill-wild tagħha, ċittadin tal-Unjoni, mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus.

41. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra], iddeċidiet, b'sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ġunju 2014, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 TFUE, jipprekludi Stat Membru milli jkeċċi mit-territorju tiegħu lejn pajjiż li ma huwiex membru tal-Unjoni, ċittadin li ma huwiex membru tal-Unjoni li huwa l-ġenitur u għandu l-kustodja effettiva ta' wild li huwa ċittadin ta' dan l-Istat Membru (u, konsegwentement, ċittadin tal-Unjoni), meta dan iċaħħad lill-wild ċittadin tal-Unjoni mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet tiegħu jew tagħha bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropea?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għad-Domanda (1), f'liema ċirkustanzi tali tkeċċija tkun permessa skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għad-Domanda (1), sa liema punt, jekk dan huwa l-każ, l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva [2004/38] jagħtu informazzjoni għar-risposta għad-Domanda (2)?"

6 — L-element finali tad-deċiżjoni kien il-konklużjoni li kellha tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija kontra CS, minħabba l-kundanna kriminali tagħha.

IV – Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

42. Fil-Kawża C-165/14, ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn A. Rendón Marín, mill-Gvernijiet Spanjol, Grieg, Franċiż, Taljan, Olandiż, Pollakk u dak tar-Renju Unit, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea u, fil-Kawża C-304/14, minn CS, mill-Gvern tar-Renju Unit, Franċiż, Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni.

43. Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 29(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, irreferiet iż-żewġ kawżi quddiem l-istess qorti, l-Awla Manja, u, skont l-Artikolu 77 ta' dawn ir-regoli, organizzat seduta waħda għal dawn il-kawżi.

44. Matul is-seduta li saret fit-30 ta' Ġunju 2015, ġew sottomessi osservazzjonijiet orali għan-nom ta' A. Rendón Marín, ta' CS, tal-Gvern Spanjol, ta' dak tar-Renju Unit, Daniż u Pollakk kif ukoll tal-Kummissjoni.

V – Analiżi

A – *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-165/14*

45. Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-osservazzjonijiet magħmula waqt is-seduta minn A. Rendón Marín u l-Gvern Spanjol jirriżulta li, wara li s-sentenza tal-21 ta' Marzu 2012 li ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' permess ta' residenza ġiet appellata u kien fil-kuntest ta' dan l-appell li t-Tribunal Supremo (qorti suprema) ressqet din it-talba għal deċiżjoni preliminari, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ressaq, quddiem is-subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Malaga, żewġ talbiet ġodda ta' permess ta' residenza temporanja minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn it-talbiet ma kienet ibbażata fuq motiv ġdid, jiġifieri, l-integrazzjoni familjari, prevista fl-Artikolu 124(3)[7] tar-regolament il-ġdid dwar il-Liġi dwar il-barranin[8].

46. Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ talbiet, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Malaga ċaħditha permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2014 minħabba l-eżistenza ta' preċedenti kriminali, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(5) tal-Liġi dwar il-barranin u tal-Artikolu 128 tar-regolament il-ġdid dwar il-Liġi dwar il-barranin[9].

47. Fir-rigward tat-tieni talba, il-Gvern Spanjol waqt is-seduta indika li, fit-18 ta' Frar 2015, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ingħata permess ta' residenza temporanju mis-subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Malaga. F'dan ir-rigward, mill-osservazzjonijiet orali ta' A. Rendón Marín jirriżulta li huwa kiseb dan il-permess ta' residenza temporanja minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali bbażati fuq l-integrazzjoni familjari *minħabba l-irtirar tal-preċedenti kriminali miċ-ċertifikat tal-kondotta* mill-awtorità kompetenti Spanjola.

7 — Dan l-artikolu l-ġdid jipprevedi l-kundizzjonijiet ta' għoti ta' permessi ta' residenza minħabba raġunijiet ta' integrazzjoni familjari. Huwa jipprevedi espressament il-possibbilità li jingħata permess ta' residenza lill-ġenitur ta' wild minuri ċittadin Spanjol, fil-każ fejn dan għandu l-kustodja tal-wild u jgħix miegħu.

8 — Approvat bid-Digriet Irjali 557/2011, li jirrigwarda l-approvazzjoni tar-Regolament tal-Liġi organika 4/2000 dwar id-drittijiet u l-libertajiet tal-barranin fi Spanja u dwar l-integrazzjoni soċjali tagħhom, wara l-emendi tagħha bil-Liġi organika 2/2009 (Real Decreto 557/2011 por el que se aprueba el Reglamento de la Ley Orgánica 4/2000, sobre derechos y libertades de los extranjeros en España y su integración social, tras su reforma por Ley Orgánica 2/2009), tal-20 ta' April 2011 (BOE nru 103, tat-30 ta' April 2011, p. 43821).

9 — Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48. Konsegwentement, jidher li issa A. Rendón Marín kiseb il-permess ta' residenza temporanja li kien qed jitlob. Minkejja li dan ma jaffettwax l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li l-kundizzjonijiet kollha sabiex iressaq din it-talba kienu ssodisfatti meta tressqet [10], il-kwistjoni li tqum hija jekk it-tilwima hijiex riżolta u jekk għadux meħtieġ li tingħata risposta għad-domanda preliminari magħmula. Din il-kwistjoni għalhekk ma hijiex problema ta' inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo (qorti suprema) [11], iżda l-eventwali nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [12].

49. Kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari teħtieġ li effettivament ikun hemm tilwima pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha huma jkunu msejħa jagħtu deċiżjoni li fiha jieħdu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija f'deċiżjoni preliminari [13]. Peress li l-eżistenza ta' tilwima fil-kawża prinċipali hija għalhekk kundizzjoni essenzjali sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni, din tista', anzi għandha, tivverifikaha *ex officio* [14].

50. F'din il-kawża, kif jirriżulta mill-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-permess ta' residenza ngħata wara l-appell mis-sentenza li ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tal-imsemmi permess ta' residenza li fil-kuntest tiegħu t-Tribunal Supremo (qorti suprema) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk jirriżulta li A. Rendón Marín kiseb il-permess ta' residenza temporanja li kien qed jitlob [15], għandu jiġi kkunsidrat li t-tilwima fil-kawża prinċipali ma għadx għandha suġġett, għaliex il-pretensjonijiet ta' A. Rendón Marín ġew issodisfatti. Madankollu, anki jekk jidher dubjuż li risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja hija neċessarja sabiex tippermetti lit-Tribunal Supremo (qorti suprema) tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif jirrikjedi l-Artikolu 267 TFUE, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni li tistabbilixxi b'mod konklużiv, u sempliċement abbażi tal-informazzjoni mogħtija waqt is-seduta, li ma huwiex neċessarju li Tribunal Supremo (qorti suprema) tkompli l-proċedura. Effettivament, din tal-aħħar jista' jkun li jkollha tkompliha għal raġuni li ma tirriżultax mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja.

51. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa rilevanti li l-qorti tar-rinviju tintalab tindika jekk għandhiex il-ħsieb li żżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari u jekk jeżistux raġunijiet sabiex jiġi kkunsidrat li risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għadha meħtieġa sabiex tingħata deċiżjoni. Dan l-approċċ huwa kompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi fuq domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-bżonn inerenti li tiġi effettivament solvuta kontroversja [16].

10 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża Djabali (C-314/96, EU:C:1997:248, punt 16). Ara, ukoll, is-sentenza Djabali (C-314/96, EU:C:1998:104, punti 17 sa 23). F'din il-kawża, id-deskrizzjoni tal-kuntest ġuridiku u fattwali tat-talba għal deċiżjoni preliminari *tippermetti* li tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni utli tad-dritt tal-Unjoni. Ara l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura.

11 — Dwar id-differenza bejn dawn iż-żewġ kwistjonijiet proċedurali, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:168, punti 16 u 22). Ara, ukoll, Naômé, C., *Le renvoi préjudiciel en droit européen – Guide pratique*, Larcier, Brussell, 2010, 2 ed., p. 85 u 86.

12 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:168, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata) li fihom jindika li "il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija mfassla bis-sistema ta' azzjonijiet ġudizzjarji stabbiliti bit-Trattati li huma disponibbli biss meta l-kundizzjonijiet mogħtija fid-dispożizzjonijiet rilevanti jkunu ssodisfatti".

13 — Sentenza UGT-Rioja *et* (C-428/06 sa C-434/06, EU:C:2008:488, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 — *Ibidem* (punt 40).

15 — Infakkar li l-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 267 TFUE jissuġġetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti għandhom ikunu ssodisfatti mhux biss fil-mument li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita mill-qorti nazzjonali, iżda wkoll matul il-proċedura kollha. Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:168, punt 19). Ara l-Artikolu 100 tar-Regoli tal-Proċedura , li jistipula:

"1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' adita b'talba għal deċiżjoni preliminari sakemm il-qorti li tkun ressqitha quddiem il-Qorti talĠustizzja ma tirtirahiex. […].
2. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, tikkonstata li l-kundizzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-ġurisdizzjoni tagħha ma għadhomx sodisfatti".

16 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Zabala Erasun *et* (C-422/93 sa C-424/93, EU:C:1995:183, punt 29); Djabali (C-316/96, EU:C:1998:104, punt 19), kif ukoll García Blanco (C-225/02, EU:C:2005:34, punt 28).

52. Fil-każ li, wara kuntatt mal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li għadha meħtieġa risposta, neżamina d-domanda magħmula sa fejn il-qorti tar-rinviju ma tkunx irtiratha.

B – *Fuq il-mertu tal-Kawżi C-165/14 u C-304/14*

53. Iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari, imressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema) u l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra] rispettivament, jirrigwardaw essenzjalment l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE u l-portata ta' din id-dispożizzjoni, kemm fid-dawl tas-sentenzi Zhu u Chen [17] (Kawża C-165/14) u Ruiz Zambrano [18] (Kawżi C-165/14 u C-304/14), kif ukoll fid-dawl ta' din it-tieni sentenza biss, bil-karatteristika tal-eżistenza ta' preċedenti kriminali fir-rigward tar-rikorrenti.

54. Infakkar qabel kollox li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tirriżolvi t-tilwima li jkollha quddiemha. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk ikun il-każ, tiformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha. Effettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-missjoni li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali jkunu jeħtieġu sabiex jiddeċiedu fuq it-tilwimiet li jitressqu quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jissemmewx espressament fid-domandi preliminari li jsirulhom minn dawn il-qrati [19].

55. Konsegwentement anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għas-sentenza tal-kawża li hija adita biha, kemm jekk din il-qorti tkun irreferiet għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima [20].

56. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-165/14 tistaqsi, effettivament, jekk, minn naħa, id-Direttiva 2004/38 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wild minuri ċittadin tal-Unjoni li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u jirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti, meta huwa għandu preċedenti kriminali u, min-naħa l-oħra, jekk l-Artikolu 20 TFUE, kif interpretat fid-dawl tas-sentenzi Zhu u Chen [21] u Ruiz Zambrano [22], jipprekludix lill-istess leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wlied minuri ċittadini tal-Unjoni u li tagħhom huwa għandu l-kustodja esklużiva, meta huwa għandu preċedenti kriminali, u meta dan ir-rifjut għandu l-konsegwenza li dawn l-ulied ikollhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni.

57. F'dak li jirrigwarda l-Kawża C-304/14, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE jipprekludix li Stat Membru jkeċċi mit-territorju tiegħu lejn pajjiż mhux membru tal-Unjoni ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wild ċittadin ta' dan l-Istat Membru u li tiegħu huwa għandu effettivament il-kustodja esklużiva, meta dan jipprekludi lill-wild, ċittadin tal-Unjoni, mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni.

17 — C-200/02, EU:C:2004:639.

18 — C-34/09, EU:C:2011:124.

19 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — *Ibidem* (punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — C-200/02, EU:C:2004:639.

22 — C-34/09, EU:C:2011:124.

58. Sa fejn iż-żewġ kawżi jqajmu kwistjonijiet simili, nipproponi konklużjonijiet komuni. Madankollu, għandu jiġi nnotat li minkejja x-xebh bejn dawn iż-żewġ kawżi, jeżistu differenzi bejniethom u, għalhekk, bejn id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mit-Tribunal Supremo (qorti suprema) u l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra]. Jidhirli għalhekk xieraq li jiġu eżaminati, qabel kollox, il-karatteristiċi partikolari tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali qabel ma jiġu analizzati l-aspetti determinanti tad-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju.

1. Il-partikolaritajiet tal-kawżi

59. Is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali huma komuni, l-ewwel nett, bil-fatt li l-partijiet fil-kawżi prinċipali huma ċittadini ta' Stat terz, ġenituri ta' ċittadini tal-Unjoni ta' età żgħira li joqogħdu rispettivament fl-Istat Membru tagħhom u li għandhom il-kustodja esklużiva tagħhom. Insegwitu, dawn l-ulied, ċittadini tal-Unjoni, dejjem għexu fl-Istat Membru rispettiv tagħhom. Finalment, A. Rendón Marín u CS kienu t-tnejn sfaw ikkundannati għall-pieni ta' ħabs, ta' disa' u tnax-il xahar rispettivament.

60. Madankollu t-tilwimiet fil-kawżi kawżi prinċipali jippreżentaw ċertu numru ta' differenzi. Dawn id-differenzi huma relatati b'mod partikolari mal-fatt li wieħed mill-ulied ikkonċernati, it-tifla ta' A. Rendón Marín, toqgħod fi Stat Membru differenti minn dak tan-nazzjonalità tagħha, mat-tip ta' leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni (rifjut ta' permess fi Spanja u deċiżjoni ta' tkeċċija tar-Renju Unit)[23], u mal-livell ta' gravità tal-ksur imwettaq minn A. Rendón Marín u CS (sospensjoni tal-piena ta' disa' xhur ħabs li għalihom ġie kkundanat A. Rendón Marín, filwaqt li CS serviet il-piena ta' tnax-il xahar ta' priġunerija).

61. Fir-rigward, l-ewwel nett, *tas-sitwazzjoni tat-tifla* ta' A. Rendón Marín (ta' nazzjonalità Pollakka), li twieldet fi Spanja u li qatt ma telqet minn dan l-Istat Membru, għandu jiġi stabbilit minn qabel jekk tali sitwazzjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 kif isostnu l-Gvern Grieg, Taljan u Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni. Din l-analiżi ser tkun żviluppata hawn taħt[24].

62. F'dak li jikkonċerna, insegwitu, *it-tip ta' leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni*, nixtieq nippreċiża xi aspetti partikolari f'dawn il-kawżi.

63. Fil-Kawża C-165/14, minn dokumenti fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll minn indikazzjonijiet ta' Rendón Marín u tal-Gvern Spanjol waqt is-seduta jirriżulta li d-deċiżjoni tar-rifjut tal-permess ta' residenza tas-subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Malaga tas-17 ta' Frar 2014 tindika li, skont l-Artikolu 28(3) tal-Liġi dwar il-barranin, moqrija flimkien mal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Liġi dwar il-barranin, A. Rendón Marín "għandu jitlaq minn Spanja f'terminu ta' mhux iktar minn ħmistax-il ġurnata mill-mument ta' notifika tad-[deċiżjoni tar-rifjut tat-talba]".

64. F'dan ir-rigward, il-Gvern Spanjol fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tiegħu jsostni li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Spanjola inkwistjoni u, konsegwentement, l-ordni sabiex titlaq mit-territorju, ma twassalx għat-tluq awtomatiku ta' ċittadin ta' Stat terz minħabba l-preċedenti kriminali tiegħu. Fil-fatt, l-awtorità kompetenti għandha, qabel kollox, tagħti prova li l-persuna kkonċernata kkommettiet ksur tal-Liġi dwar il-barranin prevista mill-Artikolu 53(1)(a) ta' din il-liġi u, wara, tibda l-proċedura ta' sanzjoni li tista' eventwalment twassal għal sanzjoni ta' tkeċċija.

23 — Fil-każ tas-sitwazzjoni ta' CS, għandu jiġi nnotat li hija daħlet b'mod regolari fir-Renju Unit bħala mart ċittadin Brittaniku b'permess ta' residenza għal żmien determinat. Sussegwentement kien inġhatalha permess ta' residenza permanenti f'dan l-Istat Membru.

24 — Ara l-punti 83 sa 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65. Madankollu waqt is-seduta A. Rendón Marín enfasizza li jekk persuna residenti fi Spanja ma għandhiex permess ta' residenza, hija tikkommetti ksur ta' liġi amministrattiva li jista' jiġi ssanzjonat b'ordni ta' tkeċċija.

66. Fi kwalunke każ, minn elementi mogħtija fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rifjut li A. Rendón Marín jingħata permess ta' residenza fi Spanja minħabba l-preċedenti kriminali tiegħu jfisser, fil-konfront tiegħu, deportazzjoni forzata mit-territorju nazzjonali u, għalhekk, mill-Unjoni, li jfisser ukoll it-tluq mit-territorju tal-Unjoni għaż-żewġ uliedu.

67. Fil-Kawża C-304/15, għandu jiġi rrilevat, kif tindika il-qorti tar-rinviju, li, skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit inkwistjoni, l-adozzjoni mill-Ministru tal-Intern ta' deċiżjoni ta' tkeċċija fir-rigward ta' ċittadin mhux Brittaniku misjub ħati ta' ksur ta' liġi u kkundannat għal ħabs ta' mill-inqas tnax–il xahar hija mandatorja [25].

68. Finalment, għal dak li jikkonċerna *l-livell ta' gravità tal-ksur* imwettaq minn A. Rendón Marín u CS, jidhirli li jkun utli li jsir riferiment għall-punti li ġejjin.

69. Fil-Kawża C-165/14, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-talba għall-permess ta' residenza temporanja minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali mressqa minn A. Rendón Marín ġiet irrifjutata mid-Direttorat Ġenerali tal-Immigrazzjoni *minħabba l-eżistenza ta' preċedenti kriminali*, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(5) tal-Liġi dwar il-barranin. Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-piena ta' disa' xhur ħabs li għaliha ġie kkundannat A. Rendón Marín ġiet sospiża b'mod provviżorju u ma huwiex se jiskonta l-piena ta' ħabs tiegħu. Barra minn hekk, fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju, huwa kien qiegħed jistenna deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar it-talba għall-irtirar tal-preċedenti kriminali miċ-ċertifikat tal-kondotta [26].

70. Fil-Kawża C-304/14, u kuntrarjament għal A. Rendón Marín, CS instabet ħatja ta' ksur tal-liġi kriminali li għalih hija ġiet ikkundannata għal tnax-il xahar ħabs, piena li hija effettivament skontat. Barra minn hekk, minħabba l-kundanna tagħha u minħabba l-fatt li hija ma hijiex ċittadina Brittanika, ittieħdet deċiżjoni ta' tkeċċija mir-Renju Unit fil-konfront tagħha [27].

71. Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' dawn il-kawżi, fl-ewwel lok, għandha tiġi kkjarifikata jekk is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' wliedu kif ukoll dik ta' CS u ta' bintha jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Jekk ir-risposta għal din il-mistoqsija hija affirmattiva, ser neżamina l-problemi partikolari mqajma mill-qrati tar-rinviju, dwar l-effetti tal-preċedenti kriminali ta' A. Rendón Marín u ta' CS dwar ir-rikonoxximent tad-dritt ta' residenza tagħhom.

2. Rimarki preliminari

72. Fil-kawżi prinċipali, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta d-dritt tal-Unjoni sabiex tivverifika l-konformità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, minn naħa waħda, mid-dritt ta' ċittadini minuri ta' età żgħira tal-Unjoni, li dejjem għexu fl-Istat Membru rispettiv tagħhom, li jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni, u, għaldaqstant, id-dritt ta' residenza tal-ġenitur tagħhom ċittadin ta' pajjiż terz li għandu l-kustodja esklużiva u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà għal Stat Membru li jirrifjuta li jagħti permess ta' residenza jew li jiddeċiedi li jkeċċi tali ċittadini ta' Stat terz minħabba l-preċedenti kriminali tagħhom.

25 — Ara, ukoll, il-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 48 u 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 — Dwar in-natura vinkolanti ta' din id-deċiżjoni ta' tkeċċija, ara l-punti 13 u 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73. F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat fil-qosor il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni, qabel ma jiġu eżaminati t-tipi ta' dritt ta' residenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

a) Dwar il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni

74. Fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Unjoni għandha kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri prevista fl-Artikolu 4(2)(j) TFUE. L-għanijiet u l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' din il-kompetenza huma spjegati fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE. L-Artikolu 67 TFUE jipprevedi li l-Unjoni tiżviluppa b'mod partikolari politika komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni, li hija bbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u li hija ġusta fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stat terz. Għalhekk, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għall-adozzjoni ta' kull miżura msemmija fl-Artikolu 79(2) TFUE [28]. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni, wara l-istħarriġ tas-sussidjarjetà, għandu effett ta' prelazzjoni fuq l-Istati Membri. Dawn tal-aħħar huma għalhekk imneżża' mill-kompetenza proprja tagħhom sa fejn tintervjeni l-Unjoni. Peress li l-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam migratorju hija kompetenza ta' armonizzazzjoni, l-effett ta' prelazzjoni jvarja skont il-portata eżatta u l-intensità tal-intervent tal-Unjoni [29]. Regoli komuni huma għalhekk adottati permezz ta' direttivi li l-Istati Membri huma obbligati jittrasponu, iżda huma jistgħu jilleġiżlaw dwar kwistjonijiet mhux koperti minn dawn id-direttivi u għandhom ukoll il-possibbiltà li jidderogaw mir-regoli komuni, sa fejn id-direttivi jippermettu dan. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri jibqgħu jżommu, bħala regola, il-kompetenzi tagħhom fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni.

75. Għall-kuntrarju, jekk din hija sitwazzjoni li fiha d-drittijiet ta' moviment u ta' residenza libera bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni huma involuti, il-marġni ta' diskrezzjoni li jiddisponu minnu l-Istati Membri fil-qasam tal-immigrazzjoni ma għandux jikkawża preġudizzju fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw iċ-ċittadinanza tal-Unjoni jew il-libertà ta' moviment, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw mhux biss is-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni, iżda wkoll dik ta' ċittadin ta' Stat terz li huwa membru tal-familja tiegħu.

b) Dwar it-tipi tad-dritt ta' residenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni

76. Għandu jiġi ppreċiżat li l-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha rrikonoxxiet, b'mod partikolari, abbażi tat-Trattati, b'mod partikolari tliet tipi ta' drittijiet ta' residenza lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

77. Fir-rigward tal-ewwel żewġ tipi ta' residenza, id-dritt ta' residenza li huwa mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jingħata *fl-Istat li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu n-nazzjonalità* [30]. L-ewwel wieħed jirrigwarda d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja mogħti liċ-ċittadin wara l-eżerċizzju minn qabel jew simultanju tal-libertà ta' moviment, u huwa bbażat fuq il-projbizzjoni tal-ostakoli [31]. It-tieni wieħed jirriżulta mill-effettività tal-Artikolu 20 TFUE u għandu l-għan li jimpedixxi li ċittadin jiġi mċaħħad mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li tagħtih iċ-ċittadinanza tal-Unjoni [32]. Dawn huma każijiet eċċezzjonali [33].

28 — Dan l-artikolu jkopri kemm l-immigrazzjoni regolari kif ukoll l-immigrazzjoni irregolari.

29 — Il-protokoll Nru 25 dwar l-eżerċizzju tal-kompetenzi kondiviżi jipprevedi li "meta l-Unjoni tkun ħadet azzjoni f'ċertu qasam, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju ta' kompetenza jkopri biss dawk l-elementi regolati mill-att ta' l-Unjoni konċernat u għalhekk ma jkoprix il-qasam kollu".

30 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345).

31 — Ara s-sentenzi Singh (C-370/90, EU:C:1992:296); Carpenter (C-60/00, EU:C:2002:434); Eind (C-291/05, EU:C:2007:771), kif ukoll McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450).

32 — Ara s-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124).

33 — Fuq in-natura eċċezzjonali ta' dan it-tip ta' sitwazzjonijiet, ara s-sentenzi McCarthy (C-434/09, EU:C:2011:277, punt 47); Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 64), Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71); kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32).

78. Fir-rigward tat-tielet tip ta' dritt ta' residenza, dan huwa mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni *fl-Istat Membru ospitanti* [34]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ċittadin tal-Unjoni li qatt ma telaq mit-territorju ta' Stat Membru jista' jinvoka drittijiet li jirriżultaw mit-Trattat sakemm huwa ċittadin ta' Stat Membru ieħor [35]. Hija bbażat dan id-dritt ta' residenza fuq l-effettività tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni [36].

79. Għandu jiġi enfasizzat li dawn il-kawżi jikkonċernaw biss it-tieni u t-tielet tipi tad-dritt ta' residenza msemmija hawn fuq [37].

80. F'dan il-kuntest ġurisprudenzjali, jien ser neżamina, l-ewwel nett, jekk is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u taż-żewġ uliedu kif ukoll dik ta' CS u tal-wild tagħha jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

3. Dwar ir-dritt tar-residenza mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat ospitanti: analiżi tas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38

81. Il-moviment liberu tal-persuni jikkostitwixxi waħda l-libertajiet fundamentali fis-suq intern, li tinkludi żona mingħajr fruntieri interni fejn il-libertà hija żgurata skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat [38].

82. Id-dritt tal-persuni għall-moviment liberu jfisser iċ-ċaqliq taċ-ċittadin ta' Stat Membru, u għalhekk ċittadin tal-Unjoni, barra mill-Istat Membru proprju tiegħu. Madankollu, f'dawn il-kawżi, la wlied A. Rendón Marín, ċittadini Spanjol u Pollakk, u lanqas il-wild ta' CS, ċittadina Brittanika, ma qasmu xi fruntiera. Konsegwentement, bħala regola, dawn il-kawżi ma jikkonċernawx id-dritt tal-moviment liberu ta' ċittadin tal-Unjoni minn Stat Membru għall-ieħor. Fil-fatt, id-Direttiva 2004/38 tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li "jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom". Għalhekk, id-Direttiva 2004/38 ma tapplikax, bħala regola, f'sitwazzjonijiet tali bħal din ta' A. Rendón Marín u ta' ibnu ta' nazzjonalità Spanjola u dik ta' CS u tal-wild tagħha ta' nazzjonalità Brittanika.

83. Madankollu, il-Gvern Spanjol, Grieg, Taljan u Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni jikkunsidraw li s-sitwazzjoni tat-tifla ta' nazzjonalità Pollakka ta' A. Rendón Marín, wild ta' età żgħira li toqgħod fi Stat Membru li ma għandhiex in-nazzjonalità tiegħu, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, sitwazzjoni tali tista' tkun assimilata ma' dik li wasslet għas-sentenza Zhu u Chen [39].

84. Konsegwentement, hemm lok li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-Kawża C-165/14, wild ta' età żgħira, ċittadin tal-Unjoni, li jgħix fi Stat Membru li ma għandux in-nazzjonalità tiegħu, jissodisfax il-kundizzjonijiet imposti bid-Direttiva 2004/38.

34 — Dan id-dritt ta' residenza ġie mogħti lill-ġenituri ta' ċittadin tal-Unjoni ta' età żgħira meta, bħala regola, dawn ma setgħux jinvokaw il-kwalità ta' axxendent dipendenti, għaliex huma ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dritt ta' residenza previsti mid-Direttiva 90/364, tat-28 ta' Ġunju 1990, dwar id-dritt ta' residenza (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 3) (li ġiet issostitwita u abrogata mid-Direttiva 2004/38). Ara s-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punti 43 sa 46).

35 — Ara s-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639). Ara, ukoll, is-sentenza Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539).

36 — Ara s-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 45). Ara, ukoll, is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 28).

37 — Ara l-punti 47 u 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 — Ara l-premessa 2 tad-Direttiva 2004/38.

39 — C-200/02, EU:C:2004:639.

a) Applikabbiltà tad-Direttiva 2004/38 għas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu

85. Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2004/38, l-għan tagħha huwa li tissimplifika u li ssaħħaħ id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Il-punt tat-tluq sabiex ikun stabbilit jekk dritt ta' residenza jistax ikun ibbażat fuq din id-direttiva huwa l-Artikolu 3 tagħha. Dan l-artikolu, intitolat "Benefiċjarji", fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprevedi li l-imsemmija direttiva tapplika b'mod partikolari għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li "jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom". Din is-sitwazzjoni tikkorrispondi b'mod ċar ma' dik ta' bint A. Rendón Marín, li toqgħod fi Spanja, Stat Membru li tiegħu hija ma għandhiex in-nazzjonalità.

86. Fis-sentenza Zhu u Chen [40], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li s-sitwazzjoni ta' wild ta' età żgħira, ċittadin tal-Unjoni, li kien residenti fi Stat Membru li ma huwiex dak li tiegħu kellu n-nazzjonalità u li ma kienx eżerċita d-dritt tal-moviment liberu kienet madankollu taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' moviment liberu ta' persuni [41], b'mod partikolari ta' dawk tad-Direttiva 90/364/KEE , li ġiet issostitwita u abrogata mid-Direttiva 2004/38. Fir-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li s-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' Stat Membru li twieled fi Stat Membru ospitanti u li ma għamilx użu mid-dritt ta' moviment liberu ma jistax, minn dan l-uniku fatt, ikun assimilat ma' sitwazzjoni purament interna li ċċaħħad lill-imsemmi ċittadin mill-benefiċċju fl-Istat Membru ospitanti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu u r-residenza ta' persuni [42]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li d-dritt ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri previst fl-Artikolu 21(1) TFUE huwa rrikonoxxiet direttament għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni b'dispożizzjoni ċara u preċiża tat-Trattat [43].

87. Finalment, sempliċement bħala ċittadina ta' Stat Membru u, għalhekk, ċittadina tal-Unjoni, bint A. Rendón Marín għandha d-dritt li tuża l-Artikolu 21(1) TFUE. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor huwa rrikonoxxut bla ħsara għal-limitazzjonijiet u kundizzjonijiet previsti mit-Trattat kif ukoll mid-dispożizzjonijiet adottati sabiex jiġi applikat [44], bl-imsemmija limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għandhom jiġu applikati filwaqt li jiġu osservati l-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni u skont il-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proprozjonalità [45].

88. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-opinjoni li, f'dan il-każ, l-Artikolu 21(1) TFUE u d-Direttiva 2004/38 jagħtu, bħala regola, dritt ta' residenza fi Spanja lil bint A. Rendón Marín. Madankollu, għadu jrid jiġi vverifikat jekk dan tal-aħħar, bħala axxendent dirett, ċittadin ta' Stat terz, jistax jinvoka dritt ta' residenza.

40 — C-200/02, EU:C:2004:639.

41 — *Ibidem* (punti 19, 20 u 25 sa 27). Jien infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà rrikonoxxiet fis-sentenza tagħha Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 75) li "meta ulied jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fi Stat Membru ospitanti sabiex hemmhekk isegwu korsijiet edukattivi ġenerali in konformità ma' l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-ġenitur li effettivament huwa responsabbli għall-kura ta' dawn it-tfal, irrispettivament min-nazzjonalità tiegħu, sabiex jirrisjedi magħhom b'tali mod li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' dan id-dritt minkejja l-fatt li l-ġenituri fil-frattemp ikunu ddivorzjaw jew minkejja l-fatt li l-ġenitur li għandu l-kwalità ta' ċittadin ta' l-Unjoni Ewropa ma jkunx għadu ħaddiem migrant fl-Istat Membru ospitanti."

42 — Sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 19).

43 — *Ibidem* (punt 26).

44 — *Ibidem* (punt 26).

45 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 91).

89. Fil-fatt, dritt ta' residenza derivat ma jistax jingħata lil A. Rendón Marín ħlief jekk bintu, minuri ta' età żgħira, ċittadina tal-Unjoni, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 [46]. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tipprevedi li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkollu biżżejjed riżorsi għalih u għall-membri tal-familja tiegħu sabiex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema tal-għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti matul ir-residenza tiegħu u għandu assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, fatti li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti tar-rinviju.

90. F'dan ir-rigward, infakkar, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li jekk iċ-ċittadin tal-Unjoni għandu jkollu biżżejjed riżorsi, madankollu d-dritt tal-Unjoni ma jinkludi l-ebda rekwiżit dwar l-oriġini tagħhom, peress li dawn tal-aħħar jistgħu jiġu pprovduti, b'mod partikolari, miċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur taċ-ċittadini ta' età żgħira kkonċernati [47]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "r-rifjut li ġenitur, ċittadin ta' Stat Membru jew ta' Stat terz, li għandu effettivament il-kustodja ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa minuri, jitħalla jirrisjedi ma' dan iċ-ċittadin fl-Istat Membru ospitanti jċaħħad minn kull effettività d-dritt ta' residenza ta' dan tal-aħħar, peress illi t-tgawdija tad-dritt ta' residenza minn wild ta' età żgħira timplika neċessarjament li dan il-wild ikollu d-dritt li jkun akkumpanjat mill-persuna li tiżgura effettivament il-kustodja tiegħu u, għalhekk, li din il-persuna tkun fil-pożizzjoni li tirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti matul din ir-residenza" [48]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li jekk l-Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38 jagħtu dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti liċ-ċittadin minuri ta' età żgħira ta' Stat Membru ieħor li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, dawn l-istess dispożizzjonijiet jippermettu lill-ġenitur li għandu effettivament il-kustodja ta' dan iċ-ċittadin li jirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti [49].

91. F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-ulied jirċievu kura u edukazzjoni skolastika adegwata. Jidher għalhekk li missierhom jiżgura b'mod korrett is-sussistenza tagħhom. Barra minn hekk, il-Gvern Spanjol waqt is-seduta indika li, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Spanjola, A. Rendón Marín għandu assigurazzjoni ta' mard għalih u għal uliedu. Minkejja dan, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk bint A. Rendón Marín għandhiex, hija stess jew permezz ta' missierha, biżżejjed riżorsi u assigurazzjoni ta' mard kompleta, skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38.

92. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li s-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu taqa', bħala regola, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 21 TFUE u tad-Direttiva 2004/38.

b) L-effetti tal-preċedenti kriminali dwar ir-rikonoxximent ta' dritt ta' residenza derivat meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38

93. Issa għandu jiġi eżaminat jekk id-dritt ta' residenza derivat li minnu jgawdi A. Rendón Marín jistax ikun limitat skont dispożizzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta *b'mod awtomatiku* l-akkwist ta' permess ta' residenza inizjali għall-assenza ta' preċedenti kriminali fi Spanja jew f'pajjiżi li fihom huwa kien jirrisjedi qabel.

94. Ma jidhirlix li dan huwa l-każ, għar-raġunijiet li ġejjin.

46 — Minn dokumenti tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li bint A. Rendón Marín twieldet fi Spanja fl-2003. Jien ma nistax neskludi li hija ma kinitx akkwistat dritt ta' residenza permanenti f'dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38. F'dan il-każ, kif korrettament jindika il-Gvern Pollakk, id-dritt ta' residenza tagħha ma huwiex suġġett għall-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III ta' din l-istess direttiva u, b'mod partikolari, għal dawk tal-Artikolu 7(1)(b) tagħha.

47 — Sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 30) kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 27).

48 — Sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 45) kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 28). Enfasi miżjud minni.

49 — Sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punti 46 u 47) kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 29).

95. Hija ġurisprudenza stabbilita li kull limitazzjoni għad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza hija deroga għall-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-persuni, li għandha tiġi interpretata strettament u li l-portata tagħha ma għandhiex tkun stabbilita unilateralment mill-Istati Membri [50]. Konsegwentement, sabiex id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix ir-rifjut tal-permess ta' residenza mitlub minn A. Rendón Marín, id-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tkun konformi mal-limitazzjonijiet u mal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

96. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-derogi għad-dritt ta' residenza ta' A Rendón Marín, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar b'mod sistematiku r-regoli fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38 [51]. L-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu jipprevedi li Stat Membru jista' jirrestrinġi l-libertà ta' moviment u residenza ta' ċittadin tal-Unjoni u ta' membru tal-familja tiegħu, irrispettivament miċ-ċittadinanza, minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika. Madankollu tali derogi huma ristretti sew. Kif jirriżulta mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38, sabiex ikunu ġġustifikati, il-miżuri ta' restrizzjoni ta' moviment liberu u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni jew ta' membru tal-familja tiegħu, speċjalment dawk ta' ordni pubbliku, għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u jkunu bbażati esklużivament fuq il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat [52]. Din id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li l-eżistenza ta' kundanni penali preċedenti ma tistax, waħidha, timmotiva tali miżuri. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tal-istess direttiva jipprevedi li l-kondotta personali tal-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà [53]. Din id-dispożizzjoni tispjega li ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ ikkonċernat jew li ma għandhomx kunsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali ma għandhomx jiġu aċċettati [54].

97. Issa, is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín ma tidhirx li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 97 u 98 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod partikolari tissuġġetta b'*mod awtomatiku*, u mingħajr ebda possibbiltà ta' bdil, il-kisba ta' permess ta' residenza inizjali fl-assenza ta' preċedenti kriminali fi Spanja jew fil-pajjiżi li fihom il-persuna kkonċernata rrisjediet qabel.

98. F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-deċiżjoni tar-rinviju tindika li, skont din il-leġiżlazzjoni, it-talba għal permess ta' residenza temporanja minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali ta' A. Rendón Marín ġiet miċħuda minħabba l-eżistenza ta' preċedenti kriminali. Il-permess ta' residenza għalhekk ġie irrifjutat awtomatikament mingħajr ma tittieħdet inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jiġifieri mingħajr ma ġie evalwat la l-aġir personali u lanqas l-eventwali periklu reali li seta' jirrappreżenta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu l-Gvern Pollakk irrileva wkoll li ma kien hemm xejn fid-deċiżjoni preliminari li jindika li ċ-ċirkustanzi kienu ġew eżaminati u evalwati.

50 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 18); Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34, punt 6); Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 27); Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 33); Calfa (C-348/96, EU:C:1999:6, punt 23); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punti 64 u 65); Il-Kummissjoni vs Spanja (C-503/03, EU:C:2006:74, punt 45); Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, EU:C:2006:253, punt 34); kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325, punt 42).

51 — Ara r-rapport tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 dwar id drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [COM(2009) 313 finali, p. 8] li jistipula li: "[l]Kapitolu VI tad-Direttiva jipprovdi għad-dritt ta' Stati Membri biex jirrifjutaw id-dħul jew ikeċċu ċittadini tal-[Unjoni] u l-membri tal-familja tagħhom iżda dan ikun suġġett ta' salvagwardji materjali u proċedurali rigoruż li jiżguraw li jkun hemm bilanċ ġust bejn l-interessi tal-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE". Fir-rigward, b'mod partikolari, tar-rifjut tad-dritt ta' dħul fit-territorju ta' Stat Membru liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom, ċittadini ta' Stat terz, ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-503/03, EU:C:2006:74, punti 43 u 45).

52 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, is-sentenzi Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34, punt 6) u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, EU:C:2006:253, punt 93).

53 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 28); Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 35); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 66), kif ukoll Jipa (C-33/07, EU:C:2008:396, punt 23).

54 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34, punt 7).

99. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' ċirkustanzi rilevanti, ninnota li mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li A. Rendón Marín kien ikkundannat għal reat kommess fis-sena 2005. Din il-kundanna kriminali preċedenti ma tistax, waħidha, timmotiva rifjut ta' permess ta' residenza ħlief jekk, "minbarra tat-tfixkil tal-ordni soċjali li jinvolvi kull ksur tal-liġi", l-aġir personali tiegħu jikkostitwixxi "periklu reali, attwali u suffiċjentement gravi, li jaffettwa interess fundamentali tas-soċjetà" [55].

100. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kundizzjoni relatata mat-theddida attwali għandha, bħala regola, tkun issodisfatta fil-perijodu meta tittieħdet il-miżura inkwistjoni [56], fatt li f'dan il-każ, ma jidhirx li huwa hekk. Fil-fatt, il-fatt li l-piena li għaliha ġie kkundannat A. Rendón Marín kienet sospiża twassalni sabiex nikkunsidra li huwa ma skontax il-piena ta' ħabs tiegħu.

101. F'dak li jikkonċerna, fit-tieni lok, it-tkeċċija eventwali ta' A. Rendón Marín, infakkar fil-ħtieġa, minn naħa waħda, li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u familjari kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta u fl-Artikolu 8 tal-KEDB [57], u, min-naħa l-oħra, li jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità.

102. Għalhekk, sabiex jiġi evalwat jekk miżura ta' tkeċċija hijiex proporzjonali mal-għan leġittimu segwit, f'dan il-każ, il-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew ta' sigurtà' pubblika, għandhom jiġu kkunsidrati l-kriterji tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2004/38, partikolarment it-tul tar-residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, l-età tagħha, l-istat ta' saħħa tagħha, is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tagħha, l-integrazzjoni soċjali u kulturali tagħha fl-Istat Membru ospitanti u l-intensità tar-rabtiet tagħha mal-pajjiż tal-oriġini tagħha. Jidhirli importanti li l-livell ta' gravità tal-ksur għandu jiġi evalwat ukoll fil-kuntest tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

103. Finalment, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 23 [58] tad-Direttiva 2004/38 issemmi l-bżonn ta' protezzjoni partikolari għall-persuni li huma verament integrati fl-Istat Membru ospitanti.

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nasal sabiex nikkonkludi li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà' pubblika previsti mid-Direttiva 2004/38, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma humiex issodisfatti u li din l-eċċezzjoni ma għandhiex, f'dan il-każ, tkun il-bażi ta' restrizzjoni tad-dritt ta' residenza bħal dik li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fi kwalunkwe każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha msemmija hawn fuq.

c) Konklużjoni intermedjarja fil-Kawża C-165/14

105. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li jiġi kkonstatat li d-Direttiva 2004/38 tapplika għas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu ta' nazzjonalità Pollakka. Konsegwentement, l-Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38 għandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wild minuri ċittadin tal-Unjoni li tiegħu għandu l-kustodja u li jirrisjedi miegħu fl-Istat ospitanti, meta dan ikollu preċedenti kriminali.

55 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 28); Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 35); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 66), kif ukoll (C-33/07, EU:C:2008:396, punt 23). Infakkar li dawn il-kriterji kollha huma kumulattivi. Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38[COM(2009) 313 finali, p. 11.

56 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 28), u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-503/03, EU:C:2006:74, punt 44).

57 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 52).

58 — L-imsemmija premessa tistipula li "[i]t-tkeċċija taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-familji tagħhom minħabba raġunijiet ta' politika pubblika [ordni pubbliku] jew ta' sigurtà pubblika hi miżura li tista' tweġġa' serjament persuni li, wara li utilizzaw id-drittijiet u l-libertajiet konferiti lilhom mit-Trattat, ġenwinament integraw rwieħhom fl-Istat Membru ospitanti".

4. Fuq id-dritt ta' residenza mogħti lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità: analiżi tas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' wliedu u dik ta' CS u tal-wild tagħha

106. Fl-opinjoni tiegħi, is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu ta' nazzjonalità Pollakka taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38. Madankollu, fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju, waqt l-istħarriġ tal-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-direttiva, tasal għall-konklużjoni li dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux ġew issodisfatti, jien ser nanalizza, fil-kuntest tal-prinċipju stabbilit mis-sentenza Ruiz Zambrano [59], is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' wliedu flimkien ma' dik ta' CS u tal-wild tagħha.

a) Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

107. L-Artikolu 20 TFUE, li jagħti ċ-ċittadinanza tal-Unjoni lil kull persuna li għandha nazzjonalità ta' Stat Membru [60], ifisser li n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija kundizzjoni minn qabel sabiex jitgawda l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Dan tal-aħħar jirrappreżenta, minn meta ġie introdott fit-Trattati [61], l-istatus taċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri [62]. Huwa għalhekk għamlet leġittimu l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea filwaqt li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini [63]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret diversi drabi fil-vokazzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li tikkostitwixxi l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri [64].

108. Il-libertà fundamentali ta' moviment u ta' residenza fl-Unjoni kollha hija marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni [65]. B'hekk, bħala "status personali b'portata transnazzjonali", huwa ħoloq il-kundizzjonijiet neċessarji ta' rikonoxximent reċiproku, u għalhekk ta' għarfien reċiproku, ta' kumpanniji tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom [66], li l-evoluzzjoni tagħhom tidħol fil-kuntest partikolari tar-rapporti konkreti ta' ċittadini tal-Istati Membri mal-awtoritajiet nazzjonali [67]. Huma

59 — C-34/09, EU:C:2011:124.

60 — Sentenzi D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432, punt 27) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124, punt 40).

61 — F'dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Grzelczyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31), l-Avukat Ġenerali Sharpson ikkunsidrat li "l-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni huma […] ta' importanza u portata daqstant kbira daqs dawk tal-ġurisprudenza fundamentali preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tabilħaqq, fil-fehma tiegħi d-deskrizzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat fis-sentenza Gryzelczyk [(C-184/99, EU:C:2001:458)] hija potenzjalment ta' sinjifikat simili bħad-dikjarazzjoni fundamentali tagħha fis-sentenza Van Gend en Loos [(26/62, EU:C:1963:1)],fejn qalet li 'l-Komunità tikkostitwixxi ordinament ġuridiku ġdid tad-dritt internazzjonali, li għal benefiċċju tiegħu l-Istati limitaw id-drittijiet sovrani tagħhom [...] u li s-suġġetti ta' dan l-ordinament jinkludu mhux biss l-Istati Membri iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom'". Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-Kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 68).

62 — Dwar il-portata taċ-ċittadinanza tal-Unjoni wara t-Trattat ta' Maastricht, O'Leary, S., *The evolving Concept of Community Citizenship, From the Free Movement of Persons to Union Citizenship*, Den Haag, Londra, Boston (Kluwer), 1996.

63 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345, punti 39 u 40).

64 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Grzelczyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31); D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432, punt 28); Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 82); Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 22); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 65); Pusa (C-224/02, EU:C:2004:273, punt 16); Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 25); Bidar (C-209/03, EU:C:2005:169, punt 31); Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-147/03, EU:C:2005:427, punt 45); Schempp (C-403/03, EU:C:2005:446, punt 15); Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543, punt 74); Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325, punt 32), Huber (C-524/06, EU:C:2008:724, punt 69); Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104); Prinz u Seeberger (C-523/11 u C-585/11, EU:C:2013:524, punt 24), u Martens (C-359/13, EU:C:2015:118, punt 21).

65 — Ara, f'dan is-sens, Lenaerts, K. u Gutièrrez-Fons, J.A., "Ruiz-Zambrano (C-34/09) o de la emancipación de la Ciudadanía de la Unión de los límites inherentes a la libre circulación, *Revista española de derecho europeo*, *Revista española de derecho europeo*, nru 40, 2011, p. 493 sa 521, p. 518.

66 — Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni "tippreżupponi l-eżistenza ta' rabta ta' natura politika bejn iċ-ċittadini Ewropej, minkejja li ma tikkonsistix f'rabta ta' appartenenza għal poplu. Din ir-rabta politika tgħaqqad, għall-kuntrarju, lill-popli tal-Ewropa. Hija bbażata fuq l-impenn reċiproku tagħhom li jifthu l-komunitajiet politiċi rispettivi tagħhom għaċ-ċittadini Ewropej l-oħrajn u li jibnu forma ta' solidarjetà ċivika u politika fuq livell Ewropew. Ma teħtiġx l-eżistenza ta' poplu iżda hija bbażata fuq l-eżistenza ta' żona politika Ewropea, li minnha joħorġu drittijiet u dmirijiet". Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-Kawża Rottmann (C-135/08, EU:C:2009:588, punt 23).

67 — Ara, f'dan is-sens, Azoulai, L., "La citoyenneté européenne, un statut d'intégration sociale", *Chemins d'Europe. Mélanges en l'honneur de Jean Paul Jacqué*, 2010, p. 2 sa 28.

proprju dawn ir-rapporti li ppermettew liċ-ċittadini ikkonċernati jitolbu l-benefiċċju tad-drittijiet abbażi tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Huwa b'rikonoxximent ta' dawn id-drittijiet li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja lagħbet rwol importanti, saħansitra deċiżiv, fil-ħolqien ta' dan l-istatus fundamentali li, illum, jikkostitwixxi element essenzjali tal-identità Ewropea taċ-ċittadini [68].

109. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja, fost id-drittijiet li hija rrikonoxxiet liċ-ċittadini tal-Unjoni [69], qabelxejn tat id-dritt ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tagħhom lil hinn mid-dispożizzjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema [70]. Hija insegwitu rrikonoxxiet fil-konfront tagħhom, fil-kuntest tad-dritt għall-moviment liberu fit-territorju tal-Unjoni, dritt ta' residenza u dritt għal ugwaljanza fit-trattament meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti [71]. Finalment, hija interpretat id-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema fid-dawl taċ-ċittadinanza tal-Unjoni [72].

110. Dan ix-xogħol vast ġurisprudenzjali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet effettiva ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, sar u għadu qed isir, b'mod progressiv b'kooperazzjoni mill-qrib mal-qrati nazzjonali fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari. Matul din il-kooperazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet linja ġurisprudenzjali koerenti li kkontribwixxiet b'mod notevoli sabiex jinħoloq l-istatus fundamentali taċ-ċittadin tal-Unjoni.

111. Fil-kuntest ta' dawn il-kawżi, tliet żviluppi ġurisprudenzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja huma partikolarment rilevanti: jiġifieri s-sentenzi Zhu u Chen [73], Rottmann [74] u Ruiz Zambrano [75].

112. Fis-sentenza Zhu u Chen [76], li għaliha diġà għamilt riferiment fil-punti 86 u 87 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, f'sitwazzjoni fejn il-wild, ċittadin tal-Unjoni, qatt ma kien telaq mir-Renju Unit [77], li dan il-wild ma setax jeżerċita kompletament u effettivament id-drittijiet li huwa kellu fil-kwalità tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni mingħajr il-preżenza u l-assistenza tal-ġenituri tiegħu.

68 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża McCarthy *et* (EU:C:2014:345, punti 39 u 40).

69 — Ara, f'dan ir-rigward, Azoulai, L., op. cit., p. 6.

70 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Martínez Sala (C-85/96, EU:C:1998:217).

71 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493); Trojani (C-456/02, EU:C:2004:488), kif ukoll Bidar (C-209/03, EU:C:2005:169).

72 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Collins (C-138/02, EU:C:2004:172); Ioannidis (C-258/04, EU:C:2005:559), kif ukoll Vatsouras u Koupatantze (C-22/08 u C-23/08, EU:C:2009:344).

73 — C-200/02, EU:C:2004:639.

74 — C-135/08, EU:C:2010:104.

75 — C-34/09, EU:C:2011:124.

76 — C-200/02, EU:C:2004:639.

77 — Fis-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639), il-wild kien twieled f'reġjun tar-Renju Unit (Irlanda ta' Fuq) u, meta mar f'Cardiff, Wales, iċċaqlaq biss internament f'dan il-pajjiż.

113. Is-sentenza Rottmann [78] wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża li l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni ma hijiex suġġetta għall-eżistenza ta' element transkonfinali [79]. Wara li ddikjarat il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-akkwist u tat-telf tan-nazzjonalità [80], il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu fakkret li "il-fatt li settur huwa ta' kompetenza tal-Istati Membri, ma jipprekludix, f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, li r-regoli nazzjonali kkonċernati għandhom ikunu konformi ma' dan tal-aħħar" [81]. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq ġurisprudenza stabbilita fis-sens li tikkonċerna sitwazzjonijiet li fihom leġiżlazzjoni adottata f'settur li jaqa' fil-kompetenza nazzjonali kien ġie evalwat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [82]. Għalhekk, peress li dawn is-sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huma għandhom jirrispettaw dan tal-aħħar u huma suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma jistax jiġi pprivat mill-effettività tiegħu u, għaldaqstant, id-drittijiet li huwa jagħti u li ma jistgħux jinkisru bl-adozzjoni ta' miżuri statali [83]. Ċertament, dan ma jfissirx li l-Istati Membri tilfu l-kompetenza tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità! Madankollu, din il-ġurisprudenza tenfasizza li l-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità, josservaw id-dritt tal-Unjoni [84]. Fi kliem ieħor, huwa eżattament fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom li l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni ma jitlifx l-effettività tiegħu.

114. Fis-sentenza Rottmann [85], il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddikjarat li l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni mogħti mill-Artikolu 20 TFUE huwa tant fundamentali li sitwazzjoni li tirrigwarda ċittadin tal-Unjoni tista' twassal *għat-telfa* tal-imsemmi status u tad-drittijiet marbuta miegħu "taqa', *min-natura tagħha stess u l-konsegwenzi tagħha*, taħt id-dritt tal-Unjoni" [86]. Din l-aħħar sentenza [87] tfakkarni fil-kriterju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ruiz Zambrano [88], li fiha hija ddikjarat li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi miżuri li għandhom l-effett *li jċaħħdu* liċ-ċittadini tal-Unjoni

78 — C-135/08, EU:C:2010:104, punti 38 sa 42. Infakkar, li f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-miżura li biha Stat Membru (f'dan il-każ ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Land ta' Bayern,) kien bi ħsiebu jirtira ċ-ċittadinanza Ġermaniża li J. Rottmann kien akkwista bin-naturalizzazzjoni b'mod frawdulenti wara li kien telaq mill-Awstrija sabiex imur il-Ġermanja. Madankollu, il-Gvern Ġermaniż u dak Awstrijak kif ukoll il-Kummissjoni sostnew li "[i]l-fatt li, fis-sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-persuna kkonċernata għamlet użu mid-dritt tagħha ta' moviment liberu qabel in-naturalizzazzjoni tagħha ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu element transkonfinali li jkollu rwol fir-rigward tar-revoka tal-imsemmi naturalizzazzjoni." Meta eżaminat dan l-argument, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li ma tiħux inkunsiderazzjoni li J. Rottman kien eżerċita qabel id-dritt tiegħu ta' moviment liberu u kkunsidrat il-futur, u mhux il-passat. F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 94).

79 — Sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 48). Din il-kawża ma kinitx l-ewwel kawża li tirrigwarda ċ-ċittadinanza tal-Unjoni li fiha l-element ta' ċaqliq reali lil hinn mill-fruntieri kien jew diffiċilment magħruf, jekk mhux sempliċement ineżistenti. Fil-fatt, is-sentenza Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539) kienet diġà tikkonċerna ġenituri, ċittadini Spanjol u Belġjan, li kienu stabbilixxew ruħhom fil-Belġju, imma li ż-żewġ uliedhom, li kellhom nazzjonalità doppja Spanjola u Belġjana u li l-kunjom tagħhom ikkontestat kien is-suġġett tal-proċedura, kienu twieldu l-Belġju u qatt ma kienu telqu minn dan l-Istat Membru. Bl-istess mod, fis-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639). il-wild qatt ma kien telaq mir-Renju Unit. Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 77). Ara wkoll, b'mod partikolari, is-sentenzi Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539) kif ukoll Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639).

80 — Sentenzi Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10); Mesbah (C-179/98, EU:C:1999:549, punt 29); Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 37) kif ukoll Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 39).

81 — Sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 41).

82 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563, punt 17) (dwar leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam kriminali u ta' proċedura kriminali); Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 25) (dwar regoli nazzjonali li jirregolaw il-kunjom ta' persuna); Schempp (C-403/03, EU:C:2005:446, punt 19) (dwar regoli nazzjonali relatati mal-fiskalità diretta); Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543, punt 78) (dwar regoli nazzjonali li jistabbilixxu titolu tad-dritt tal-vot u ta' eliġibbiltà ta' kandidatura għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew). Is-sentenza Kaur (C-192/99, EU:C:2001:106) li tirrigwarda d-definizzjoni tat-terminu "ċittadin" kienet is-suġġett tal-kumment li ġej, jiġifieri: "il-Qorti tal-Ġustizzja […] iddeċidiet li, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw id-dritt tal-Unjoni Ewropeja. L-importanza ta' din l-osservazzjoni tidher fis-sentenza fundamentali li ngħatat fil-kawża Rottmann" [(C-135/08, EU:C:2010:104)]",, ara, Bernard, C., *The Substantive Law of the EU. The Four Freedoms*, Oxford (Oxford University Press), 2010, 4 ed., p. 476.

83 — Ara, f'din is-sentenza, Mengozzi, P., "Complémentarité et coopération entre la Cour de justice de l'Union européenne et les juges nationaux en matière de séjour dans l'Union des citoyens d'États tiers", *Il Diritto dell'Unione Europea*, 1/2013, p. 29 sa 48, p. 34.

84 — Sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, għal analiżi dottrinali tal-ġurisprudenza dwar dan is-suġġett, Pudzianowska, D.,"Warunki nabycia i utraty obywatelstwa Unii Europejskiej. Czy dochodzi do autonomizacji pojęcie obywatelstwa Unii?", *Ochrona praw obywatelek i obywateli Unii Europejskiej, éd. Baranowska*, G., Bodnar, A., Gliszczyńska-Grabias, A., Varsavja, 2015, p. 141 sa 154.

85 — *Ibidem.*

86 — Enfasi miżjuda minni. Sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punti 39 sa 46). Ara, f'dan ir-rigward, Mengozzi, P., op. cit., p. 33.

87 — C-135/08, EU:C:2010:104, punt 42.

88 — C-34/09, EU:C:2011:124, punt 42.

mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mit-Trattat. Fl-opinjoni tiegħi, "iċ-ċaħda ta' tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija bl-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni" tikkorrispondi man-"natura u l-konsegwenzi tat-telfa tal-istatus ta' ċittadin". Fil-fatt, l-ewwel kunċett jidħol perfettament mat-tieni wieħed. Nerġa' nitkellem iktar tard dwar ix-xebh ta' dawn iż-żewġ kunċetti [89].

115. Il-portata tal-protezzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni kkonfermata fis-sentenza Rottmann [90] kienet ippreċiżata fis-sentenza Ruiz Zambrano [91], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' Stati terzi membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma għamel użu mid-dritt tal-moviment liberu.

116. Is-sentenza Ruiz Zambrano [92] tidħol f'linja ġurisprudenzjali intiża għar-rikonoxximent tad-drittijiet invokati minn ċittadini ta' Stati Membri li [93], bħala ċittadini tal-Unjoni, jesprimu l-bżonn tagħhom ta' protezzjoni ġuridika u t-talba tagħhom ta' integrazzjoni mhux biss fl-Istat Membru ospitati [94], iżda wkoll fl-Istat Membru proprju tagħhom. Fil-fatt, il-fatt li ċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom rikonoxxut status tant fundamentali bħal dak taċ-ċittadinanza Ewropea jimplika, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi miżuri nazzjonali li għandhom effett li jċaħħadhom mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li huma għandhom minn dan l-istatus. Dan ikun il-każ jekk ċittadin ta' Stat terz li għandu waħdu l-kustodja ta' uliedu ta' età żgħira, ċittadini tal-Unjoni, jiġi rrifjutat lilu d-dritt ta' residenza fl-Istat Membru li fih dawn tal-aħħar jirrisjedu u li tiegħu huma għandhom in-nazzjonalità, sakemm din il-miżura tobbliga ukoll lil dawn l-ulied jitilqu mit-territorju tal-Unjoni [95].

117. Din il-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet is-suġġett ta' diversi evalwazzjonijiet diverġenti fid-duttrina, ovvjament ma hijiex aċċidentali. F'dan ir-rigward, jien nillimita ruħi sabiex nenfasizza li din is-sentenza hija r-riżultat ta' evoluzzjoni ġurisprudenzjali kbira [96] li kkostitwixxiet il-bażi [97] tas-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ruiz Zambrano [98]. Fl-opinjoni tiegħi, din l-evoluzzjoni ġurisprudenzjali tirriżulta, minn naħa waħda, minn kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali u, min-naħa l-oħra, mill-evoluzzjoni fortunata u loġika tas-soċjetà fl-Istati Membri u tas-soċjetà Ewropea kollha kemm hi, li fiha ċ-ċittadini jintegraw fil-ħajja tagħhom l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni li jagħtihom it-Trattat. Dan l-istatus jgħaqqadhom bħala popli

89 — Ara wkoll il-punt 125 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

90 — C-135/08, EU:C:2010:104. Dwar din is-sentenza ara, Kochenov, D., u Plender, R., "EU Citizenship: From an Incipient Form to an Incipient Substance?" *The Discovery of the Treaty Text*, *European Law Review*, Vol. 37, Nru. 4, p. 369 sa 396.

91 — C-34/09, EU:C:2011:124.

92 — C-34/09, EU:C:2011:124.

93 — Ara l-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet.

94 — Ara l-premessa 18 tad-Direttiva 2004/38.

95 — Punti 42 sa 45.

96 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295); Singh (C-370/90, EU:C:1992:296); Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563); Kaur (C-192/99, EU:C:2001:106); D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432); Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493); Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539); Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639); Schempp (C-403/03, EU:C:2005:446); Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543), kif ukoll Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104).

97 — Fir-rigward tas-sentenza Rottman (C-135/08, EU:C:2010:104), ara : Lenaerts, K., "The concept of EU citizenship in the case law of the European Court of Justice", *ERA Forum*, 2013, p. 369 sa 583, u b'mod partikolari p. 575, fejn jingħad li: "[d]in is-sentenza ħejjiet il-bażi għall-adozzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-sentenza Ruiz Zambrano [(C-34/09, EU:C:2011:124)]". Ara, ukoll, Barnard, C., op.cit., fejn jingħad li "[m]a hemm l-ebda dubju li din is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari l-punt 42 tagħha, kienet qed tħejji t-triq għas-sentenza ta' prinċipju u kontroversjali ħafna li ngħatat fil-kawża Ruiz Zambrano [(C-34/09, EU:C:2011:124).".

98 — C-34/09, EU:C:2011:124.

tal-Ewropa li, abbażi ta' solidarjetà ċivika u politika li għadha qed tinbena, iżda meħtieġa f'kuntest politiku, ekonomiku u soċjali globalizzat, tirrikononixxilhom drittijiet u dmirijiet li ma jistgħux jiġu limitati mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod mhux ġustifikat [99]. Li jiġi ddikjarat li ċ-ċittadini tal-Istati Membri huma ċittadini tal-Unjoni joħloq aspettattivi filwaqt li jistabbilixxi drittijiet u dmirijiet [100].

118. B'mod partikolari, f'din l-evoluzzjoni, il-kriterju stabbilit fis-sentenza Ruiz Zambrano [101], li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali li għandhom effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni, kien ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza sussegwenti tagħha [102]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fihom ippreċiżat il-portata filwaqt li ddeċidiet li għandu japplika għal "sitwazzjonijiet partikolari ħafna li fihom, minkejja l-fatt li d-dritt sekondarju dwar id-dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz ma huwiex applikabbli, u li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ma jkunx għamel użu mid-dritt ta' moviment liberu tiegħu, dritt ta' residenza ma jistax, eċċezzjonalment, jiġi miċħud lil ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja tal-imsemmi ċittadin, peress li jkun hemm ksur tal-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li jgawdi minnha, jekk, bħala konsegwenza ta' tali rifjut, dan iċ-ċittadin jiġi obbligat, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu, filwaqt li jiġi mċaħħad mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni" [103].

119. F'dan il-kuntest ġurisprudenzjali, imfakkar fil-punti 111 sa 118 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kwistjoni li tqum fil-kuntest ta' dawn il-kawżi hija din: jiġifieri nistgħu, f'dan il-każ, nikkunsidraw li s-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' wliedu [104], kif ukoll dik ta' CS u ta' bintha, huma sitwazzjonijiet partikolari u eċċezzjonali li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment fil-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq? Fi kliem ieħor, nistgħu niddikjaraw li dawn is-sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni?

99 — Pereżempju, huwa importanti li jitfakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dak li kien rilevanti fil-kawża li wasslet għas-sentenza Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539) kien mhux "daqstant il-fatt li d-diversità tal-ismijiet patronimiċi kienet il-konsegwenza taċ-ċittandinanza doppja tal-persuni kkonċernati iżda pjuttost il-fatt li din id-diversità kienet ta' natura li tikkawża liċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati *inkonvenjenzi serji* li kienu jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu li seta' jiġi ġustifikat biss li kieku kien ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u li kieku kien proporzjonat għall-għan leġittimament segwit". Ara s-sentenza McCarthy (C-434/09, EU:C:2011:277, punt 52) kif ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza Grunkin u Paul (C-353/06, EU:C:2008:559, punti 23, 24 u 29). Enfasi miżjuda minni.

100 — Sarmiento, D., u Sharpston, E., "European Citizenship and its New Union: time to move on?", f'Kochenov, D., ed., *EU Citizenship and Federalism: The Role of Rights*, Cambridge University Press (li għad irid jiġi ppubblikat).

101 — C-34/09, EU:C:2011:124.

102 — Ara s-sentenzi McCarthy (C-434/09, EU:C:2011:277, punt 47); Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 64); Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71); kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32). Madankollu, f'dawn is-sentenzi, kif diġà enfasizzajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345, punt 98), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sitwazzjonijiet inkwistjoni ma kinux jaqgħu fid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, iċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati f'dawn il-kawżi jew qatt ma eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, billi dejjem irrisjedew fl-Istat Membru li tiegħu huma kellhom in-nazzjonalità u, bħala regola, il-miżuri inkwistjoni ma ċaħħduhomx mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom (b'mod partikolari, S. McCarthy kienet dejjem għexet fir-Renju Unit, Stat li tiegħu hija kellha n-nazzjonalità. Hija setgħet għalhekk toqgħod hemm waħedha, anke jekk żewġha, ta' nazzjonalità Ġamajkana, ma ngħatax permess ta' residenza bħala membru tal-familja ċittadin ta' Stat terz), jew ma kinux akkumpanjati jew milħuqa meta telqu fi Stat Membru ieħor mill-membru tal-familja tagħhom ċittadin ta' Stat terz u ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 (b'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li Y Iida ma kienx qed jitlob dritt ta' residenza ma' martu u ma' bintu fl-Istat Membru ospitanti, ir-Repubblika tal-Awstrija, iżda fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li dawn iż-żewġ ċittadini tal-Unjoni ma ġewx skorraġiti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u li Y. Iida huwa stess kellu fi kwalunkwe każ ċerti drittijiet ta' residenza kemm taħt id-dritt nazzjonali kif ukoll taħt id-dritt tal-Unjoni, sentenza Iida, C-40/11, EU:C:2012:691, punti 73 sa 75).

103 — Sentenzi Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 67); Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71; Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 36), kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32). B'mod partikolari, M. Dereci kien ċittadin Tork, u martu u tlitt ulied kienu Awstrijaċi u kienu dejjem irrisjedew fl-Awstrija, fejn huwa xtaq jgħix magħhom. F'din is-sitwazzjoni, la t-tlett ulied u lanqas l-omm ma ġew imċaħħda mit-tgawdija tas-sustanza tad-drittijiet tagħhom għaliex, kuntrarjament għal dak li ġara fil-kawża li wasslet għas-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), , dawn l-ulied ma kinux jiddependu fuq missierhom għas-sussistenza tagħhom u għalhekk setgħu jibqgħu fl-Awstrija.

104 — Ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet.

120. Jiena konvint dwar dan. Il-fatt li wlied A. Rendon Marín u l-wild ta' CS għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru, jiġifieri, in-nazzjonalitajiet Spanjola u Pollakka rispettivament, li l-kundizzjonijiet ta' akkwist tagħhom jaqgħu, b'mod evidenti, fil-kompetenza tal-Istati Membri kkonċernati [105], jimplika li huma jibbenefikaw mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni [106]. Għaldaqstant, bħala ċittadini tal-Unjoni, dawn l-ulied għandhom id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Unjoni, u kull limitazzjoni għal dan id-dritt taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [107].

121. Issa, hija ġustament restrizzjoni possibbli għal dan id-dritt, b'mod partikolari għad-dritt ta' residenza, li tirriżulta mill-elementi pprovduti fid-deċiżjonijiet tar-rinviju. Il-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni tiġi applikata ladarba ulied A. Rendón Marín u bint CS jistgħu, bħala konsegwenza tat-tkeċċija tal-ġenitur rispettiv tagħhom ikkonċernat, li għandu l-kustodja esklużiva tagħhom, jiġu obbligati, fir-realtà, li jakkumpanjawh, u għalhekk li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni "kollu kemm hu". Fil-fatt, it-tkeċċija tal-ġenitur tagħhom iċċaħħadhom mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li jagħtihom l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni [108]. Ma jistax ikun ikkonfutat li, bħala regola, rifjut ta' permess ta' residenza fi Spanja lil A. Rendón Marín [109] u tkeċċija ta' CS mir-Renju Unit jistgħu jwasslu għal interpretazzjoni żbaljata tal-effettività taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li jgawdu minnha l-ulied rispettivi tagħhom. Konsegwentement, kif il-Kummissjoni korrettament indikat, is-sitwazzjonijiet inkwistjoni jikkostitwixxu sitwazzjonijiet eċċezzjonali fis-sens tal-ġurisprudenza li tikkonferma s-sentenza Ruiz Zambrano [110].

122. Jien nikkunsidra għalhekk li, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, dawn is-sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

b) Dwar ir-rispett, mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni

123. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-dritt tal-Unjoni ma jagħti l-ebda dritt awtonomu liċ-ċittadini ta' Stat terz. Fil-fatt, id-drittijiet eventwali mogħtija lilhom mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma humiex drittijiet proprji, iżda drittijiet derivati mill-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment minn ċittadin tal-Unjoni [111]. Għalhekk, id-drittijiet ta' residenza derivati ma jeżistux, bħala regola, ħlief meta huma neċessarji sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv miċ-ċittadini tal-Unjoni tad-drittijiet ta' moviment u ta' residenza libera tagħhom [112]. Konsegwentement, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija ċ-"ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet" li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni li minnha jibbenefikaw l-ulied ikkonċernati li tagħmel meħtieġa l-protezzjoni tad-dritt derivat tal-ġenituri tagħhom.

105 — Sentenzi Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 29), u Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 39).

106 — Sentenzi Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 21) kif ukoll Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 21). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-Kawża Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:307, punti 47 sa 52).

107 — Ara l-punti 109 sa 124 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ma huwiex għaliex ma eżerċitawx id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Unjoni li huma ma jibbenefikawx, bħala ċittadini tal-Unjoni, minn dan id-dritt.

108 — Ara, f'dan is-sens, sentenzi Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 67); Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71; Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 36), kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32).

109 — Il-possibbiltà li A. Rendón Marín u wliedu jistgħu jmorru l-Polonja, Stat Membru ta' nazzjonalità ta' bintu, kif indikaw diversi Stati Membri li intervjenew, ma hijiex sostnuta ħlief fl-astratt. Waqt is-seduta A. Rendón Marín sostna li huwa ma għandu l-ebda rabtiet mal-familja ta' omm bintu (li, sa fejn jaf hu, ma tirrisjedix il-Polonja) u li hu ma jitkellimx il-Pollakk.

110 — C-34/09, EU:C:2911:124. Ara, f'dan is-sens, sentenzi Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 67); Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71; Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 36), kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32).

111 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi magħquda O *et* (C-456/12 u C-457/12, EU:C:2013:842, punt 49).

124. Għal CS kif ukoll għall-Kummissjoni, kif din tal-aħħar sostniet fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub u orali, il-kwistjoni li tinstab fil-qalba ta' din il-kawża hija li jkun magħruf jekk id-dritt tal-wild ċittadin tal-Unjoni li ma jiġix kostrett jitlaq mill-Unjoni, li jirriżulta direttament mill-Artikolu 20 TFUE, huwiex assolut jew jekk l-Istat Membru għandux bażi sabiex joħloq bilanċ bejn id-dritt primarju tal-Unjoni u l-interess proprju tiegħu li jkeċċi ċittadin ta' Stat terz li l-aġir tiegħu, mill-perspettiva tad-dritt nazzjonali, jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu lejn Stat terz.

125. Sabiex tkun analizzata din il-kwistjoni, nixtieq nerġa' nsemmi x-xebh tas-soluzzjonijiet ippreżentati fis-sentenzi Rottman (C-135/08, EU:C:2010:104) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124) [113].

126. Il-korrispondenza bejn is-sitwazzjoni ta' J. Rottmann, li tista' twassal sabiex "jitlef l-istatus mogħti mill-Artikolu 17 KE u d-drittijiet marbuta miegħu" [114], u dik ta' wlied Ruiz Zambrano, li tista' twassal sabiex "[i]ċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni" [115], ovvjament ma hijiex sempliċi koinċidenza [116]. Huwa biżżejjed li jiġi osservat li l-punt 42 tal-imsemmija sentenza Ruiz Zambrano huwa bbażat fuq il-punt 42 tal-imsemmija sentenza Rottman. Fi kwalunkwe każ, dawn iż-żewġ kunċetti għandhom, fl-opinjoni tiegħi, portata simili.

127. Ippermettuli nippreċiża din l-idea.

128. Il-kunċett tal-"essenzjal tad-drittijiet" użat mill-Qorti tal-Ġustizzja definittivament ifakkar fil-kunċett ta' "kontenut essenzjali tad-drittijiet", b'mod partikolari tad-drittijiet fundamentali [117], magħrufa tajjeb mit-tradizzjonijiet Kostituzzjonali tal-Istati Membri [118] kif ukoll mid-dritt tal-Unjoni [119]. B'mod partikolari, dan tal-aħħar jipprevedi fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jista' jkun hemm limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' drittijiet, sakemm dawn il-limitazzjonijiet huma previsti bil-liġi, jirrispettaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, huma meħtieġa u jissodisfaw effettivament l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

113 — Ara l-punt 114 ta' dawn il-konklużjonijiet.

114 — Sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 42).

115 — Sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124, punt 42).

116 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 95).

117 — Fir-rigward ta' dan il-kunċett, li joriġina mid-dritt Ġermaniz, ara, b'mod partikolari, Häberle, P., *Die Wesensgehaltsgarantie des Art. 19 Abs. 2 GG*, 3 ed., C.F. Müller, Karlsruhe, 1983, u Schneider, L., *Der Schutz des Wesensgehalts von Grundrechten nach Art. 19 Abs. 2 GG*, Duncker & Humblot, Berlin, 1983. Fid-dritt Pollakk, ara, għal analiżi tal-kunċett "istota praw i wolności" li jinsab fl-Artikolu 33(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, Wojtyczek, K., *Granice ingerencji ustawodawczej w sferę ochrony praw człowieka w Konstytucji RP*, Kraków, 1999, p. 203 sa 214, u Łabno, A., "Ograniczenia wolności i praw człowieka na podstawie art. 31 Konstytucji III RP", *Prawa i wolności obywatelskie w Konstytucji RP*, ed. Banaszak, B., Preisner, A., Varsavja, 2002, p. 693 sa 709. Fid-duttrina Spanjola, ara, b'mod partikolari, De Otto, I., "La regulación del ejercicio de los derechos fundamentales. La garantía de su contenido esencial en el artículo 53.1 de la Constitución", *Obras Completas*, università ta' Oviedo u ċentru ta' studji politiċi u kostituzzjonali, Oviedo, 2010, p. 1471; Cruz Villalón, P., "Derechos Fundamentales y Legislación (1991)", *La curiosidad del jurista persa, y otros estudios sobre la Constitución*, CEPC, 2 ed., Madrid, 2006, u Jiménez Campo, J., *Derechos fundamentales. Concepto y garantías*, 1999, ed. Trotta, 1999.

118 — Ara l-Artikolu 4(4) tal-Karta tad-drittijiet fundamentali Ċeka; l-Artikolu 8(2) tal-Kostituzzjoni Ungeriża, l-Artikolu 31(3) tal-Kostituzzjoni Portugiża, l-Artikolu 49(2) tal-Kostituzzjoni Rumena, u l-Artikolu 13(4) tal-Kostituzzjoni Slovakka.

119 — Ara, b'mod partikolari, Volker u Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 50). Ara, ukoll, Wróbel, A., "Art. 52", *Karta Praw podstawowych Unii Europejskiej. Komenstarz*, Wróbel, A., éd., Wydawnictwo C.H. Beck, 2013, p. 1343 sa 1384, u, partikolarment, p. 1352.

129. Jista' jkun sostnut li, peress li l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità tagħmel parti mill-eżami tal-limitazzjonijiet li jista' jkun hemm għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali [120], fil-perspettiva tal-kunċett relatat mal-garanziji tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali [121], l-osservanza ta' dan il-prinċipju għandha tkun ivverifikata wkoll f'dak li jikkonċerna l-limitazzjonijiet eventwali fuq id-drittijiet marbuta mal-istatus fundamentali ta' ċittadin tal-Unjoni, fosthom id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri. Skont l-Artikolu 45(1) tal-Karta "kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri".

130. Jekk tali approċċ kien aċċettat, għandu għalhekk jiġi kkunsidrat li l-osservanza tal-essenzjal tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus fundamentali ta' ċittadin tal-Unjoni topera, bħal fil-każ tal-osservanza tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali, "bħala limitu finali u assolut fuq kwalunkwe limitazzjoni potenzjali fuq l-eżerċizzju ta' tali drittijiet marbuta magħhom", jiġifieri bħala "limitu tal-limiti" [122]. Fil-fatt, in-nuqqas ta' osservanza tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadin tal-Unjoni twassal li dawn "ma jkunux rikonnoxxibbli bħala tali", b'tali mod li għalhekk ma hemmx għalfejn tiġi diskussa "limitazzjoni" tal-eżerċizzju ta' dritt, iżda purament u sempliċiment ta' "soppressjoni" tiegħu [123]. Finalment, it-telfa taċ-ċittadinanza tal-Unjoni (għal J. Rottman, bħala konsegwenza tat-telfa amministrattiva tan-nazzjonalità ta' Stat Membru) u t-tneħħija tat-tgawdija ġenwina tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni (għall-ulied Ruiz Zambrano, bħala konsegwenza tal-obbligu, "fir-realtà", għal dawn l-ulied, li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni) għandhom l-istess konsegwenzi gravi fuq id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni. Irrispettivament minn jekk huwiex b'mod definit jew għal perijodu twil [124], dan id-dritt jidher, *bħala regola*, mingħajr il-kontenut essenzjali tiegħu, f'dan il-każ, il-libertà ta' residenza fit-territorju tal-Unjoni. Konsegwentement, hemm lok li jiġi stabbilit jekk din il-limitazzjoni tad-dritt ta' residenza hijiex proporzjonata, peress li jekk ma hijiex, hija tkun marret lil hinn mil-limitu impost għar-restrizzjoni eventwali tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, jiġifieri l-osservanza tal-essenzjal ta' dawn id-drittijiet [125].

120 — Fir-rigward ta' projbizzjoni definittiva tad-dritt tal-vot marbuta mal-fatt li persuna kienet suġġetta għal kundanna kriminali, ara s-sentenza Delvigne (C-650/13, EU:C:2015:648, punti 46 sa 48). F'dak li jirrigwarda restrizzjonijiet fl-użu tad-dritt ta' propjetà, ara s-sentenzi Hauer (44/79, EU:C:1979:290, punti 23 u 30); Schräder HS Kraftfutter (265/87, EU:C:1989:303, punt 15); Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 54), kif ukoll Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 355).

121 — Min-naħa l-oħra, skont il-kunċett assolut ta' garanziji tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali, dan il-kontenut essenzjali ma jistax, fi kwalunkwe każ, ikun limitat. Dwar il-kunċetti relattivi u assoluti tal-garanziji tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali, ara, b'mod partikolari, Alexy, R., *A Theory of Constitutional Principles*, Oxford, 2010, p. 192 sa 196. Id-duttrina Pollakka ssostni li, fi kwalunkwe każ, l-identifikazzjoni tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet tista' ssir biss f'każ konkret. Ara, Łabno, A., "Ograniczenia wolności i praw człowieka na podstawie art. 31 Konstytucji III RP", *Prawa i wolności obywatelskie w Konstytucji RP*, ed. Banaszak, B., Preisner, A., Varsavja, 2002, p. 708.

122 — Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Delvigne (C-650/13, EU:C:2015:363, punti 115 u 116). Dwar dan il-kunċett, li joriġina mid-dritt Ġermaniż, ara, b'mod partikolari, Häberle, P., *op. cit.*, u Schneider, L., *op. cit.* Fid-duttrina Spanjola, ara, b'mod partikolari, De Otto, I., *op. c*it., p. 1471.

123 — *Ibidem.*

124 — Fil-każ ta' ulied ta' età żgħira, il-limitazzjoni tad-dritt tar-residenza tista' ddum għal diversi snin qabel jikbru biżżejjed sabiex jeżerċitaw dan id-dritt b'mod indipendenti mill-ġenituri tagħhom.

125 — Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Delvigne (C-650/13, EU:C:2015:363, punti 115 u 116). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Schrems (C-362/14, EU:C:2015:627, punti 175 sa 177 u 185).

131. Ċertament, jista' wkoll jiġi sostnut li l-kunċett tal-"essenzjal tad-drittijiet" użat mill-Qorti tal-Ġustizzja ma huwiex neċessarjament l-espressjoni tal-kunċett ta' "kontenut essenzjal tad-drittijiet" li għalih jirreferi l-Artikolu 52(1) tal-Karta [126]. Madankollu, anke jekk tasal għall-konklużjoni li dawn iż-żewġ kunċetti ma humiex ekwivalenti [127], sakemm il-miżuri nazzjonali inkwistjoni jimplikaw il-limitazzjoni tad-dritt ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni, għandha tiġi eżaminata l-proporzjonalità tagħhom jekk l-Istat Membru kkonċernat jinvoka l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà' pubblika.

132. Hija ġustament il-kwistjoni tal-analiżi tal-prinċipju ta' proporzjonalità li uriet differenza sinjifikattiva fil-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat dawn iż-żewġ kawżi. Fil-fatt, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina jekk il-ġustifikazzjoni, invokata minn diversi gvernijiet, tad-deċiżjoni ta' rtirar ta' naturalizzazzjoni minħabba manuvri frawdulenti kinitx tikkorrispondi ma' interess ta' natura ġenerali, li jinkludi l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika. Issa, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), il-Gvern Belġjan la invoka l-interess ġenerali u lanqas l-ordni pubbliku u s-sigurtà legali. G. Ruiz Zambrano ma kienx ikkunsidrat bħala periklu għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika fil-Belġju [128]. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja intalbet tirrispondi biss dwar il-bżonn li jkun rikonoxxut li G. Ruiz Zambrano għandu, b'mod partikolari, dritt ta' residenza, u l-Gvern Belġjan ma invokax l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika. Konsegwentement hija ma eżaminatx il-miżura nazzjonali fil-kuntest ta' prinċipju ta' proporzjonalità. Madankollu, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-proporzjonalità tal-miżura nazzjonali fl-imsemmija kawża ma jeskludix li tali eżami jista' jkun rilevanti f'ċirkustanzi oħra [129].

133. Fi kwalunkwe każ, fil-każ ta' J. Rottman, li kien jirrigwarda l-irtirar tan-nazzjonalità Ġermaniża tiegħu, u għalhekk it-telfa definittiva taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni tal-irtirar inkwistjoni kinitx tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità f'dak li jikkonċerna l-konsegwenzi li hija kienet ġġib magħha fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [130]. Għalhekk, tali analiżi tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika tkun rilevanti wkoll għal dak li jirrigwarda s-sitwazzjonijiet f'dawn il-kawżi. F'dan ir-rigward, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "minħabba l-importanza li d-dritt primarju jagħti lill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u fir-rigward tal-telf tad-drittijiet li kull ċittadin tal-Unjoni jibbenefika minnhom, għandhom jitqiesu, meta ssir eżaminazzjoni ta' deċiżjoni għar-revoka tan-naturalizzazzjoni, il-konsegwenzi eventwali li din id-deċiżjoni jkollha fuq il-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, fuq il-membri tal-familja tagħha f'dak li jikkonċerna t-telf tad-drittijiet li jgawdi kull ċittadin tal-Unjoni" [131].

126 — F'dak li jikkonċerna t-terminoloġija użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124) u mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-Karta, ara, rispettivament, pereżempju, il-verżjonijiet Spanjola [la esencia de los derechosde los derechos (vinculados al estatuto de ciudadano de la Unión)/el contenido esencial de esos derechos (y libertades)],Ġermaniża [der Kernbestand der Rechte, (die der Unionsbürgerstatus verleiht)/der Wesensgehalt dieser Rechte und Freiheiten], Ingliża [the substance of the rights (attaching to the status of European Union citizen)/the essence of those rights(and freedoms)], Taljana [dei diritti connessi(allo status di cittadino dell'Unione)/il contenuto essenziale di detti diritti (e libertà)], u Pollakka [istota praw(związanych ze statusem obywatela Unii)/istota praw i wolności(uznanych w Karcie)].

127 — Madankollu, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tal-limitazzjonijiet tad-dritt ta' proprjetà, użat ukoll it-terminu "sustanza stess tad-dritt". Ara, dwar ir-restrizzjonijiet tal-użu tad-dritt ta' proprjetà, sentenzi Hauer (44/79, EU:C:1979:290, punti 23 u 30); Schräder HS Kraftfutter (265/87, EU:C:1989:303, punt 15); Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 54), kif ukoll Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 355).

128 — Ara, f'dan ir-rigward, sentenza Carpenter (C-60/00, EU:C:2002:434, punt 44).

129 — Ara, f'dan is-sens, Lenaerts, K., "'Civis Europaeus Sum': from the Cross-border Link to the Status of Citizen of the Union", *Constitutionalising the EU Judicial System: Essays in Honour of Pernilla Lindh*, Cardonnel, P., Rosas, A., u Wahl, N., (ed.). Hart, Oxford, 2012, p. 213 sa 232.

130 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punti 54 u 55).

131 — *Ibidem* (punt 56).

134. Issa ser nitratta l-kwistjoni relatata mal-konsegwenzi tal-preċedenti kriminali fuq ir-rikonoxximent ta' dritt ta' residenza derivat lil A Rendón Marín u lil CS, fil-kuntest ta' liema ser nanalizza l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika invokata mir-Renju Unit, wara li sar riferiment għall-portata ta' dan il-kunċett.

5. Dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti limitazzjonijiet għal dritt ta' residenza derivat li jirriżulta direttament mill-Artikolu 20 TFUE

135. Il-Gvern tar-Renju Unit jikkunsidra li t-twettiq ta' ksur kriminali jista' jneħħi kawża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju stabbilit fis-sentenza Ruiz Zambrano [132].

136. B'hekk, id-domanda li tqum hija din: għandu jiġu kkunsidrat li l-eżistenza ta' preċedenti kriminali fil-konfront tal-partijiet fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali hija ta' natura li tikkontesta, fil-prinċipju, ir-rikonoxximent tad-dritt ta' residenza derivat li huma għandhom mill-kriterju tal-effett taċ-"ċaħda tat-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin" ta' wliedhom?

137. Jien ma naħsibx hekk.

138. Fl-opinjoni tiegħi, l-eżistenza biss ta' preċedenti kriminali ma għandhiex, fiha nnifisha, tiġġustifika d-deċiżjonijiet nazzjonali fil-kawżi prinċipali u lanqas tikkontesta l-kriterju taċ-"ċaħda tat-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin" mingħajr ma l-qorti tar-rinviju tivverifika jekk dawn id-deċiżjonijiet josservawx il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi tagħhom dwar is-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' CS u ta' wliedhom rispettivi, ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [133].

139. F'dan ir-rigward, issa ser neżamina, fl-ewwel lok, il-portata tal-kunċetti ta' "ordni pubbliku" jew ta' "sigurtà pubblika" fir-rigward ta' deċiżjonijiet nazzjonali inkwistjoni, li jwasslu għaċ-"ċaħda tat-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin". Abbażi ta' dan l-eżami, ser nistudja, fit-tieni lok, il-ġustifikazzjonijiet imressqa mir-Renju Unit sabiex tiġi invokata eċċezzjoni bbażata fuq dawn il-kunċetti.

a) Portata tal-kunċett ta' ordni pubbliku u tal-kunċett ta' sigurtà pubblika f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza li jirriżulta mill-Artikolu 20 TFUE

140. L-ewwel nett, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Ruiz Zambrano [134], kif ukoll fil-ġurisprudenza sussegwenti li tikkonferma din is-sentenza, tat interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 20 TFUE, li hija koerenti man-natura fundamentali tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Għalhekk, isir rilevanti, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali marbuta maż-żamma tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà pubblika, li jiġu introdotti, b'mod eċċezzjonali wkoll, ċerti limitazzjonijiet.

141. It-tieni nett, għandu jiġi nnotat li l-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuna ma taffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jinvokaw eċċezzjoni marbuta, b'mod partikolari, maż-żamma tal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà interna. F'dan ir-rigward, fis-sentenza tagħha Van Duyn [135], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "iċ-ċirkustanzi partikolari li jistgħu jiġġustifikaw li jintuża l-kunċett ta' ordni pubbliku jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u minn

132 — C-34/09, EU:C:2011:124.

133 — Ara l-punt 130 ta' dawn il-konklużjonijiet.

134 — C-34/09, EU:C:2011:124.

135 — 41/74, EU:C:1974:133.

perijodu għal ieħor, u għalhekk huwa neċessarju, f'dan ir-rigward, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jingħataw marġni ta' diskrezzjoni fil-limiti imposti mit-Trattat" [136]. B'hekk l-Istati Membri jibqgħu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jevalwaw ir-riskji ta' ħsara għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika fit-territorju tagħhom stess.

142. Minkejja dan, jidhirli opportun li jitfakkar li, bħala ġustifikazzjoni ta' deroga għall-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-persuni, il-kunċetti ta' "ordni pubbliku" u ta' "sigurtà pubblika" għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett, b'tali mod li l-portata tagħhom ma għandhiex tiġi stabbilita unilateralment mill-Istati Membri mingħajr stħarriġ tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [137]. Fi kliem ieħor, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri ma tfissirx l-esklużjoni tal-istħarriġ kollu tal-Qorti tal-Ġustizzja, li hija kompetenti sabiex tiżgura li dritt fundamentali bħal dak ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru jkun irrispettat. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari iddikjarat li interpretazzjoni "partikolarment ristretta" tad-derogi kienet "mitluba mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni" [138].

143. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom l-obbligu, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [139], li jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fil-qasam taż-żamma tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika b'mod li ma jikkawżawx ħsara għall-effett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddikjarat li "l-ġustifikazzjoni ta' miżuri ddestinati sabiex iħarsu l-ordni pubblika għandha tiġi evalwata fir-rigward tar-regoli ta' dritt [tal-Unjoni] li għandhom bħala għan, minn naħa, li jillimitaw l-evalwazzjoni diskrezzjonali ta' l-Istati Membri fil-qasam u, min-naħa l-oħra, li jiggarantixxu d-difiża tad-drittijiet tal-persuni suġġetti, taħt dan il-kamp, għal miżuri restrittivi" [140]. Fil-fatt, użu eċċessiv jew arbitrarju tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni ikollu r-riskju li tintilef l-effettività kollha tad-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari d-drittijiet ta' moviment liberu u ta' residenza tagħhom [141].

144. It-tielet nett, fil-kuntest tal-ġurisprudenza li tirrigwarda s-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li huma suġġetti għal kundanni kriminali [142], il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat l-elementi li jikkostitwixxu l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika. Dawn l-ispjegazzjonijiet komplew sawru l-kriterji li jikkostitwixxu raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika previsti bid-Direttiva 2004/38. Din id-direttiva tiġbor għalhekk ir-restrizzjonijiet miġjuba, b'mod partikolari, għall-moviment liberu u r-residenza, filwaqt li ġiet stabbilita l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

145. Madankollu, sakemm id-Direttiva 2004/38 ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawżi prinċipali [143], b'mod partikolari għal dik ta' CS, il-kwistjoni li tqum hija s-segwenti.

136 — Fuq il-prinċipju ta' interpretazzjoni ristretta tal-klawżoli ta' protezzjoni li jinsabu fid-dritt tal-Unjoni, ara s-sentenza van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 18).

137 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 18); Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34, punt 6); Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 27); Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 33); Calfa (C-348/96, EU:C:1999:6, punt 23); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punti 64 u 65); Il-Kummissjoni vs Spanja (C-503/03, EU:C:2006:74, punt 45); Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, EU:C:2006:253, punt 34), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325, punt 42).

138 — Sentenza Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 65). Dan l-approċċ ġurisprudenzjali jaqa' fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38, li l-premessa 1 tagħha tiddikjara b'mod partikolari li d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri bħala "dritt primariju u individwali" ta' kull ċittadin tal-Unjoni mogħti permezz taċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

139 — Ara l-Artikolu 4(3) TUE.

140 — Sentenzi Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 51) u Oteiza Olazabal (C-100/01, EU:C:2002:712, punt 30).

141 — Ara, f'dan is-sens, Néraudau-d'Unienville, E., *Ordre public et droit des étrangers en Europe. La notion d'ordre public en droit des étrangers à l'aune de la construction européenne*, Bruylant, 2006, p. 424.

142 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi van Duyn (41/74, EU:C:1974:133); Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34); Rutili (36/75, EU:C:1975:137); Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172); Calfa (C-348/96, EU:C:1999:6); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262); Il-Kummissjoni vs Spanja (C-503/03, EU:C:2006:74); Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, EU:C:2006:253), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325).

143 — Fir-rigward ta' A. Rendón Marín, nirreferi, ovvjament, għas-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward ta' ibnu ta' nazzjonalità Spanjola. Infakkar li, f'dak li jirrigwarda lil bintu ta' nazzjonalità Pollakka, jiena kkonkludejt li s-sitwazzjoni tagħhom taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38. Fi kwalunkwe każ, jekk il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li A. Rendón Marín u bintu ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti b'din id-direttiva (ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-analiżi żviluppata fil-punti 146 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet tkun applikabbli wkoll għas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u taż-żewġ uliedu.

146. Sa fejn il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-miżuri ta' tkeċċija kontra ċittadini ta' Stat Membru li kienu suġġetti għal kundanni kriminali hija rilevanti meta l-persuna li għandha preċedenti kriminali ma hijiex iċ-ċittadin tal-Unjoni hija stess, iżda membru tal-familja tagħha ċittadin ta' Stat terz?

147. Jiena naħseb li din il-ġurisprudenza hija rilevanti fiċ-ċirkustanzi ta' dawn il-kawżi, u dan għar-raġunijiet spjegati iktar 'il quddiem.

148. Fl-ewwel lok, kif għadni kemm indikajt, id-Direttiva 2004/38 fiha l-kriterji żviluppati mill-ġurisprudenza f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-limitazzjonijiet tad-dritt ta' residenza għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika.

149. Fit-tieni lok, dawn il-kriterji huma, skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38, applikabbli mhux biss għaċ-ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor minbarra dak li tiegħu huwa għandu n-nazzjonalità, iżda wkoll għall-membri tal-familja tiegħu, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom.

150. Ċertament, A Rendón Marín [144] u CS ma jiħdux mid-Direttiva 2004/38 [145] id-dritt ta' residenza derivat tagħhom. Għall-kuntrarju, dawn id-drittijiet jirriżultaw mill-fatt li kull wieħed minnhom huwa l-ġenitur ta' wild ċittadin tal-Unjoni li tiegħu huma għandhom effettivament il-kustodja esklużiva, sa fejn it-tkeċċija tagħhom iċċaħħad lill-ulied rispettivi mit-"tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet tagħhom" bħala ċittadini tal-Unjoni fil-linja ġurisprudenzjali tas-sentenza Ruiz Zambrano [146].

151. Konsegwentement, ma narax għaliex il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-miżuri ta' tkeċċija meħuda kontra ċittadini ta' Stat Membru li kienu s-suġġett ta' kundanni kriminali ma tkunx applikabbli wkoll għalihom, b'analoġija, ladarba s-sitwazzjoni tagħhom taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

152. Għall-kuntrarju, li tikkunsidra li din il-ġurisprudenza ma hijiex applikabbli għall-każijiet ta' A. Rendón Marín u ta' CS ikollha l-konsegwenza, fl-opinjoni tiegħi, għal inkoerenza fit-trattament tad-dritt ta' residenza derivat skont jekk hux ibbażat fuq id-Direttiva 2004/38 jew fuq l-Artikolu 20 TFUE kif interpretat mis-sentenza Ruiz Zambrano [147]. Ser ikun għalhekk aċċettabbli li l-limitazzjonijiet ta' tali dritt ta' residenza derivat għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika jkunu differenti skont jekk dan id-dritt jirriżultax mid-dritt primarju jew mid-dritt sekondarju?

153. Jiena naħseb li s-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín turi perfettament tali inkoerenza. Fil-fatt, kif korrettament irrilevat il-Kummissjoni, il-bżonn ta' koerenza tintwera b'mod partikolari f'din is-sitwazzjoni, sakemm iż-żewġt ulied huma ta' nazzjonalità differenti u fejn id-Direttiva 2004/38 hija applikabbli biss għas-sitwazzjoni ta' wieħed fosthom u, għalhekk, għad-dritt ta' residenza derivat ta' missierhom.

154. Nistgħu naċċettaw tali inkoerenza?

155. Barra minn hekk, nistgħu nawtorizzaw interpretazzjoni tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika li tippermetti trattament differenti, fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni offruta kontra l-miżuri ta' tkeċċija, taċ-ċittadini tal-Unjoni minuri u tal-ġenituri ċittadini ta' Stat terz, skont l-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħhom?

144 — Fil-każ li d-Direttiva 2004/38 ma tkunx applikabbli. Ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet.

145 — Ara l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38.

146 — C-34/09, EU:C:2011:124.

147 — C-34/09, EU:C:2011:124.

156. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ninsab konvint li huwa rilevanti li tiġi applikata, b'analoġija, il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-miżuri ta' tkeċċija meħuda kontra ċittadini ta' Stat Membru li jkunu suġġett ta' kundanni kriminali, ukoll għall-miżuri ta' tkeċċija meħuda kontra ġenituri ta' ċittadini tal-Unjoni ċittadini ta' Stat terz li kienu wkoll suġġett għal kundanni kriminali, fil-kuntest tad-dritt ta' residenza derivat li dawn il-ġenituri jieħdu mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Ruiz Zambrano [148].

157. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva, ġustament, li l-garanziji li jinsabu fid-Direttiva 2004/38 għandhom, tal-inqas, jikkostitwixxu regola minima li għandha tiġi osservata meta, bħal f'dan il-każ, iċ-ċittadin ta' Stat terz huwa l-ġenitur ta' ċittadin tal-Unjoni li jgawdi minn dritt ta' residenza fl-Unjoni skont is-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124). Hija tirrileva wkoll li l-garanziji u l-prinċipji li huma stabbiliti fl-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38 jesprimu b'mod iddettaljat dak li jkopri l-prinċipju ta' proporzjonalità li fuqu huma bbażati. Dawn il-garanziji huma wkoll espliċitament imsemmija fl-Artikolu 21(1) TFUE li jipprevedi li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, suġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u mid-dispożizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni tiegħu.

158. B'mod partikolari, jidhirli li huwa loġiku li l-analiżi magħmula fil-punti 93 u 104 ta' dawn il-konklużjonijiet, relatata mas-sitwazzjoni ta' A. Rendón Marín u ta' bintu ta' nazzjonalità Pollakka, tiġi trasposta għall-eżami tas-sitwazzjoni tagħha meta mqabbla ma' ibnu ta' nazzjonalità Spanjola jew, eventwalment, iż-żewġ uliedu, fil-każ fejn, wara verifika, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li bintu ta' nazzjonalità Pollakka ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva 2004/38.

159. Madankollu jonqos li jiġu analizzati l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni ta' tkeċċija mressqa mir-Renju Unit.

b) Analiżi tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika invokata mill-Gvern tar-Renju Unit

160. Għandu jitfakkar li, kuntrarjament għal dak li kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), fejn l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika ma ġietx invokata mill-Gvern Belġjan, f'din il-kawża, il-Gvern tar-Renju Unit jinvoka tali eċċezzjoni. Għalhekk hemm lok sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha.

161. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern tar-Renju Unit sostna li d-deċiżjoni ta' tkeċċija ta' CS minħabba l-aġir kriminali gravi jikkorrispondi għal raġuni ta' ordni pubbliku, sakemm dan l-aġir jirrappreżenta theddida ċara għal interess leġittimu ta' dan l-Istat Membru, jiġifieri r-rispett tal-koeżjoni soċjali u tal-valuri tas-soċjetà tiegħu. B'hekk il-Gvern tar-Renju Unit irrileva li, f'dan il-każ, il-Court of Appeal (qorti ta' appell) kienet irrikonoxxiet il-gravità tal-ksur imwettaq minn CS [149].

162. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju tindika li, skont din il-leġiżlazzjoni, l-adozzjoni mill-Ministru tal-Intern ta' deċiżjoni ta' tkeċċija fir-rigward ta' ċittadin mhux Brittaniku misjub ħati ta' ksur u kkundannat għal priġunerija ta' mill-inqas tnax-il xahar hija mandatorja [150], ħlief jekk din l-eċċezzjoni "tikser id-drittijiet tal-kriminal ikkundannat skont it-Trattati tal-Unjoni".

148 — C-34/09, EU:C:2011:124.

149 — Skont din il-qorti, kif jirriżulta wkoll mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, is-sitwazzjoni ta' CS, bħala omm li għandha l-kustodja ta' wild minuri, ittieħdet inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanza attenwanti li mingħajrha "il-kundanna kienet tkun, mingħajr dubju, ta' perijodu itwal".

150 — Ara, ukoll, il-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

163. Din il-leġiżlazzjoni tidher għalhekk qed tistabbilixxi rabta sistematika u awtomatika bejn il-kundanna kriminali tal-persuna kkonċernata u l-miżura ta' tkeċċija applikabbli għalih jew, fi kwalunkwe każ, kienet teżisti preżunzjoni li ċ-ċittadin ikkonċernat għandu jitkeċċa mir-Renju Unit, fatt li jeskludi l-ibbilanċjar tal-interessi leġittimi preżenti u t-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ.

164. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-aġir ta' CS, din kienet ġiet misjuba ħatja, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, ta' reat gravi li għalih ġiet ikkundannata għal tnax-il xahar ħabs.

165. F'dan ir-rigward, sakemm id-deċiżjoni ta' tkeċċija inkwistjoni tirrigwarda ċittadin ta' Stat terz ġenitur ta' ċittadin tal-Unjoni minuri u tagħti lok għaċ-ċaħda tat-tgawdija tas-sustanza tad-drittijiet li dan tal-aħħar għandu mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tiegħu, kundanna għal piena ta' sena ma għandhiex tagħti lok għal deċiżjoni ta' tkeċċija skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, "mingħajr ma tevalwa l-ibbilanċjar ġust bejn l-interessi leġittimi kkonċernati" [151].

166. L-elementi deskritti fil-punti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti waqt din l-evalwazzjoni, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali.

167. L-ewwel nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta [152] li, bħala regola, ma huwiex possibbli li jitkeċċa ċittadin ta' Stat Membru jew membru tal-familja tiegħu għar-raġuni biss tal-eżistenza ta' kundanna kriminali [153]. Miżura ta' tkeċċija għandha, fil-fatt, tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ inkwistjoni. B'hekk l-aġir tal-persuna kkonċernata għandu jirrappreżenta theddida reali, attwali u gravi biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà [154]. Huwa għalhekk l-aġir personali tal-persuna kkonċernata li eventwalment jippermetti lill-Istat Membru li jibbaża fuqu d-deċiżjoni ta' tkeċċija tiegħu. Konsegwentement, fl-opinjoni tiegħi, għandu jitfittex dak li, fl-aġir ta' CS jew fil-ksur kommess minnha, jista' jikkostitwixxi raġuni gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika [155], jew raġuni imperattiva ta' sigurtà pubblika li tista' tiġġustifika deċiżjoni ta' tkeċċija mir-Renju Unit [156]. Fil-fatt, sa fejn, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, minn naħa waħda, CS ilha tibbenefika, mill-2005, minn permess ta' residenza permanenti fir-Renju Unit, u, min-naħa l-oħra, il-wild ċittadin tal-Unjoni tagħha huwa minuri, wieħed minn dawn iż-żewġ kriterji għandu jiggwida r-riflessjoni tiegħi.

168. F'dan il-każ, peress li ċ-ċittadin tal-Unjoni minuri eventwalment ikollu, bħala konsegwenza tat-tkeċċija ta' ommu, jitlaq provviżorjament mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu, fl-opinjoni tiegħi, għandu jingħata l-protezzjoni msaħħa li jimplika l-kunċett ta' "raġuni imperattiva ta' sigurtà pubblika". B'hekk, huma biss dawn ir-raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika li jistgħu jiġġustifikaw deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda kontra CS jekk, bħala konsegwenza, il-wild tagħha kellu jsegwiha.

169. Fid-dawl tal-qosor tal-kuntest fattwali li jinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa diffiċli li jiġi evalwat b'eżattezza, minn naħa waħda, il-livell ta' perikolu għas-soċjetà ta' reat bħal dak kommess minn CS u, min-naħa l-oħra, tal-eventwali konsegwenzi li tali reat jista' jkollu fuq l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika tal-Istat Membru kkonċernat.

151 — Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li "hija l-awtorità nazzjonali kompetenti li għandha tikkunsidra, waqt li tevalwa fejn jinsab il-bilanċ ġust bejn l-interessi leġittimi kkonċernati, il-kundizzjoni ġuridika speċjali tal-persuni li taqa' fid-dritt [tal-Unjoni] u n-natura fundamentali tal-prinċipju ta' moviment liberu ta' persuni", ara s-sentenza Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 96).

152 — Sentenzi Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262), Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708), kif ukoll I. (C-348/09, EU:C:2012:300).

153 — Ara, ukoll, l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38.

154 — Sentenzi Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 95), Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 48); kif ukoll I. (C-348/09, EU:C:2012:300, punt 30).

155 — Il-kunċett ta' "raġuni gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika" tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38 japplika għal "*ċittadini ta' l-Unjoni jew il-membri tal-familja tagħhom*, irrispettivament miċ-ċittadinanza [min-nazzjonalità], li għandhom id-dritt ta' *residenza permanenti*". Enfasi miżjuda minni.

156 — L-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38 japplika dan il-kunċett fil-każijiet ta' deċiżjonijiet ta' tkeċċija meħuda kontra ċittadini tal-Unjoni minuri, ħlief jekk it-tkeċċija hija meħtieġa fl-interess superjuri tal-wild.

170. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li s-*sigurtà pubblika* tkopri kemm is-sigurtà interna ta' Stat Membru kif ukoll is-sigurtà esterna [157]. B'mod partikolari, hija ddeċidiet li "l-preġudizzju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi pubbliċi essenzjali kif ukoll is-sopravivenza tal-popolazzjoni, l-istess bħar-riskju ta' perturbazzjoni gravi tar-relazzjonijiet esterni jew tal-koeżistenza paċifika tal-popli, jew inkella l-preġudizzju tal-interessi militari, jistgħu jaffettwaw is-sigurtà pubblika" [158]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffikar ta' drogi fi grupp organizzat [159], kontra t-terroriżmu [160] u kontra l-abbuż sesswali tal-ulied [161] huma inklużi fil-kunċett ta' "sigurtà pubblika".

171. F'dan il-kuntest, kull theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru għandha tkun reali u attwali. Għalhekk, ir-riskju ta' reċidività għandu jkun eżaminat fl-evalwazzjoni tal-aġir tal-persuna kkonċernata [162].

172. Fil-kuntest ta' dan l-ibbilanċjar, għandhom jiġu kkunsidrati d-drittijiet fundamentali li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett, b'mod partikolari, id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u familjari kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta u fl-Artikolu 8 tal-KEDB [163], kif ukoll l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

173. B'hekk, sabiex jiġi evalwat jekk miżura ta' tkeċċija hijiex proporzjonali mal-għan leġittimu segwit, f'dan il-każ il-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika, għandhom jiġu kkunsidrati n-natura u l-gravità tal-ksur, il-perijodu tar-residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju tagħha, l-età tagħha [164], l-istat ta' saħħa tagħha, is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tagħha, l-integrazzjoni soċjali u kulturali fl-Istat Membru ta' residenza u l-intensità tar-rabtiet tagħha mal-pajjiż tal-oriġini tagħha.

174. F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jiġi stabbilit jekk jeżistux ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw li jiġi konkluż li l-awtoritajiet nazzjonali ma stabbilixxewx bilanċ ġust bejn l-interessi kompetittivi, b'mod partikolari l-interess tal-ulied sabiex ikollhom ħajja familjari fl-Istat ikkonċernat, u li għalhekk ma pproteġewx id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja familjari stabbilit bl-Artikolu 8 tal-KEDB [165], b'mod partikolari fil-każ ta' deċiżjoni ta' tkeċċija bħal f'din il-kawża. B'hekk, il-konsegwenzi li jista' jkollha deċiżjoni bħal din fuq l-ulied għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fl-ibbilanċjar tal-interessi kkonċernati, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-interess superjuri tal-ulied [166]. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-età tagħhom, għas-sitwazzjoni tagħhom fl-Istat jew fl-Istati Membri u l-pajjiżi kkonċernati, u għall-grad ta' dipendenza fir-rigward tal-ġenituri tagħhom [167].

157 — Sentenza Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

158 — *Ibidem* (punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

159 — F'dan is-sens, *ibidem* (punti 45 u 46).

160 — Ara s-sentenza Oteiza Olazabal (C-100/01, EU:C:2002:712).

161 — Ara s-sentenza I. (C-348/09, EU:C:2012:300).

162 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li għalkemm il-konstatazzjoni ta' theddida ta' dan it-tip "tfisser li l-individwu kkonċernat ikollu t-tendenza li jkompli b'dan l-aġir fil-futur, jista' jkun ukoll li s-sempliċi fatt ta' aġir tal-passat jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' theddida simili għall-ordni pubbliku". Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 29).

163 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 50). Ara, ukoll, Qorti EDB, Jeunesse vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, Nru. 12738/10, § 114 sa 122, 3 ta' Ottubru 2014.

164 — "Fir-rigward ta' ċittadin tal-Unjoni li għadda b'mod legali, il-parti l-kbira, jekk mhux l-integralità, tal-infanzja u l-adoloxxenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, għandhom jittressqu raġunijiet sodi sabiex tiġi ġġustifikata l-miżura ta' tkeċċija". Ara s-sentenza Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 53) u, f'dan is-sens, b'mod partikolari, Qorti EDB, Maslov vs L-Awstrija [GC], Nru 1638/03, § 61 *et seq*, QEDB 2008.

165 — Ara, ukoll, Qorti EDB, Jeunesse vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [GC], Nru 12738/10, QEDH 2014, § 118, 3 ta' Ottubru 2014.

166 — *Ibidem*, § 118. Ara, ukoll, Qorti EDB, Neulinger u Shuruk vs l-Iżvizzera [GC], § 135, QEDB 2010, u Qorti EDB, X. vs Il-Latvja, [GC], Nru 27853/09, § 96, QEDH 2013.

167 — *Ibidem*, § 118. Ara, ukoll, Qorti EDB, Tuquabo-Tekle et al vs Il-Pajjiżi l-Baxxi *Nru 60665/00§ 44*, 1 ta' Diċembru 2005.

175. Fi kwalunkwe każ, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista', sabiex jippreżerva l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika, jikkunsidra li l-ksur elenkat fil-punt 172 ta' dawn il-konklużjonijiet jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà b'tali mod li jiġġustifika miżuri speċjali kontra barranin li jiksru l-liġijiet ikkonċernati [168], għandu jiġi konkluż li l-ksur kriminali inkwistjoni jaqa' fil-kunċett ta' sigurtà pubblika, peress li għandu konsegwenzi li jikkawżaw ħsara lis-sigurtà pubblika, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.

c) Konklużjoni intermedjarja dwar il-Kawża C-165/14

176. L-Artikolu 20 TFUE, kif interpretat fid-dawl tas-sentenzi Zhu u Chen [169] u Ruiz Zambrano [170], jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wlied minuri ċittadini tal-Unjoni li tagħhom huwa għandu l-kustodja esklużiva, minħabba l-fatt li huwa għandu preċedenti kriminali, meta l-imsemmi rifjut ikollu l-konsegwenza li dawn l-ulied ikollhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni.

d) Konklużjoni intermedjarja dwar il-Kawża C-304/14

177. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, bħala regola, li Stat Membru jkeċċi mit-territorju tiegħu lejn pajjiż mhux membru tal-Unjoni ċittadin ta' pajjiż terz, ġenitur ta' wild ċittadin ta' dan l-Istat Membru u li tiegħu huwa għandu effettivament il-kustodja esklużiva, meta dan iċaħħad lil wild, ċittadin tal-Unjoni, mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni. Madankollu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jadotta tali miżura sakemm din:

— tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità u tkun ibbażata fuq l-aġir personali ta' dan iċ-ċittadin, li għandu jikkostitwixxi theddida reali, attwali u gravi biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, u

— tkun ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika.

178. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li tkun tressqet quddiemha.

VI – Konklużjoni

179. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo (qorti suprema) u mill-Upper Tribunal (Immigration amd Asylum Chamber) London [qorti superjuri (taqsima tal-immigrazzjoni u tal-ażil) ta' Londra].

Fil-Kawża C-165/14:

L-Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu

168 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tsakouridis (C-145/09, EU:C:2010:708, punt 54).

169 — C-200/02, EU:C:2004:639.

170 — C-34/09, EU:C:2011:124.

leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wild minuri ċittadin tal-Unjoni li jinsab fil-kustodja tiegħu u jirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti, meta għandu preċedenti kriminali.

L-Artikolu 20 TFUE, kif interpretat fid-dawl tas-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), jipprekludi din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi r-rifjut awtomatiku ta' permess ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wlied minuri ċittadini tal-Unjoni u li tagħhom huwa għandu l-kustodja esklużiva, minħabba preċedenti kriminali, meta dan ir-rifjut ikollu l-konsegwenza li dawn l-ulied ikollhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

Fil-Kawża C-304/2014, CS:

L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, bħala regola, li Stat Membru jkeċċi mit-territorju tiegħu lejn pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea ċittadin ta' pajjiż terz, ġenitur ta' wild ċittadin ta' dan l-Istat Membru u li tiegħu huwa għandu effettivament il-kustodja esklużiva, meta dan iċaħħad lil wild, ċittadin tal-Unjoni, mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni. Madankollu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jadotta tali miżura sakemm din:

— tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità u tkun ibbażata fuq l-aġir personali ta' dan iċ-ċittadin, li għandu jikkostitwixxi theddida reali, attwali u gravi biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, u

— tkun ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li tkun tressqet quddiemha